



13.10.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulata)
(COM(2016)0767 – C8-0500/2016 – 2016/0382(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Marijana Petir

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fl-Abbozz ta' Opinjoni tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Parlament Ewropew dwar l-emendar tad-Direttiva dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ir-Rapporteur għal opinjoni tiffoka primarjament fuq suġġetti ta' importanza għall-agricoltura u l-forestrija Ewropej, kif ukoll fuq suġġetti li għandhom impatt fuq il-bdiewa, il-produzzjoni agrikola u ż-żoni rurali.

Fil-kuntest ta' dawn l-obbligi preżunti bir-ratifika tal-Ftehim ta' Pariġi u l-impenn li huwa espress ta' spiss għall-ilħuq tal-għanijiet tal-politika Ewropea dwar il-klima u l-enerġija, ir-Rapporteur għal opinjoni hi tal-fehma li l-Istati Membri jenħtieġ li jstabbilixxu mira komuni ta' mill-inqas 27 % madwar l-Ewropa għas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum gross finali tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea.

Apparti l-għan iddikjarat, ir-Rapporteur għal opinjoni hija tal-fehma li fis-settur tat-trasport, l-Istati Membri jenħtieġ li jżommu l-bijokarburanti tal-ewwel ġenerazzjoni f'livell ta' 7 % tal-konsum gross finali tal-enerġija fil-livell tal-UE sal-2030. Sabiex jiġu evitati l-effetti negattivi minn tibdil indirett fl-użu tal-art, is-sehem tal-bijokarburanti b'riskju ta' tibdil indirett fl-użu tal-art u b'mod partikolari dawk li l-emissjonijiet tagħhom huma aktar minn 160 gCO₂eq/MJ, jenħtieġ li jiġi limitat u mbagħad jitnaqqas.

Ir-Rapporteur għal opinjoni hija tal-fehma li matul il-kalkolu tal-konsum tal-enerġija gross finali minn sorsi rinnovabbli mill-2021 'il quddiem, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull Stat Membru, l-Istati Membri jeħtiġilhom jingħataw l-għażla li jstabbilixxu b'mod indipendenti l-livelli ta' kontribut tagħhom stess għall-bijokarburanti u l-bijolikwidi, kif ukoll għall-karburanti mill-bijomassa użati fit-trasport, jekk dawn huma prodotti fuq art agrikola minn għelejjel użati għall-produzzjoni tal-ikel u l-għalf tal-annimali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu kapaċi jiddistingwu bejn tipi differenti ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa, filwaqt li jitqies it-tibdil indirett fl-użu tal-art.

Fl-istess ħin, l-Unjoni jeħtiġilha tappoġġja l-użu ta' "bijokarburanti b'effiċjenza għolja" li jirriżulta fil-koprozzjoni ta' materja prima ta' valur bħalma huwa l-għalf tal-annimali b'kontenut għoli ta' proteini. Huwa essenzjali wkoll li tali bijokarburanti jiġu esklużi mir-restrizzjonijiet, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak tal-Istati Membri.

Fis-settur tat-trasport, ir-Rapporteur għal opinjoni hija tal-fehma li l-mira settorjali għall-użu tal-enerġija rinnovabbli – jiġifieri kontenut tal-bijokarburanti ta' mill-inqas 15 % għall-fornituri kollha tal-karburanti – fit-trasport bit-triq u bil-ferrovija fil-livell Ewropew, u l-miri għall-bijokarburanti avvanzati fil-perjodu sal-2030, jenħtieġ li jkunu aktar ambizzjużi minn dawk proposti mill-Kummissjoni.

Fir-rigward tar-reviżjoni u l-emendar tal-lista tas-sorsi tal-materja prima għall-bijokarburanti avvanzati, ir-Rapporteur għal opinjoni hija tal-fehma li l-Kummissjoni jenħtieġ li timplimenta emendi potenzjali bi ftehim mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, u mhux permezz ta' atti delegati, kif inhu previst fil-proposta.

Fir-rigward tas-settur tal-forestrija u l-kontribut tiegħu lejn l-għan komuni tal-UE, ir-Rapporteur għal opinjoni tilqa' l-introduzzjoni tal-kriterji tas-sostenibbiltà għall-bijomassa. Madankollu, jenħtieġ li l-kriterji ma jiġux stabbiliti fil-livell tal-azjenda forestali, iżda minflok

jenħtieġ li jiġu vvalutati fir-rigward taż-żona tal-provvista tal-bijomassa. Jenħtieġ li jiġu applikati l-istess prinċipji meta tiġi importata l-bijomassa. Peress li l-forestrija mhijiex kompetenza tal-UE, mhuwiex legalment possibbli li l-UE tirrikjedi lis-sidien tal-foresti individwali jipprovdu informazzjoni relatata mal-ġestjoni tal-foresti tagħhom.

Barra minn hekk, mhuwiex adegwat jew loġiku li s-sidien tal-foresti jintalbu tali informazzjoni għal użu partikolari tal-injam (l-enerġija), peress li dawn mhumiex operati b'mod esklussiv għall-finijiet ta' enerġija, iżda wkoll għall-forniment ta' materja prima ta' valur lejn bosta partijiet oħra tal-ekonomija. Il-proposta, kif inhi bħalissa, toħloq konsegwentement piż amministrattiv u legali mhux ġustifikat għal għadd kbir ta' sidien tal-foresti. Minflok, l-approċċ tal-UE jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-leġiżlazzjoni u l-inizjattivi eżistenti tal-Istati Membri.

Bħala konklużjoni, ir-Rapporteur għal opinjoni hija tal-fehma li l-implimentazzjoni tad-Direttiva u l-ilħuq tal-għanijiet jenħtieġ li jiġu appoġġjati b'monitoraġġ sod permezz ta' bażi tad-data ċentrali li tgħaqqad flimkien il-bażijiet tad-data nazzjonali, bl-għan li tiġi mmonitorjata t-traċċabbiltà tal-bijokarburanti fil-livell Ewropew. Għanijiet ambizzjużi, kif ukoll it-trasparenza għolja tas-sistema għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawk l-għanijiet, huma essenzjali għas-suċċess tal-politika Ewropea dwar il-klima u l-enerġija.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Il-promozzjoni tal-forom tal-enerġija rinovabbli hija waħda mill-miri tal-politika tal-Unjoni dwar il-enerġija. Iż-żieda fl-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, flimkien ma' ffrankar ta' enerġija u żieda fl-effiċjenza tal-enerġija, tikkostitwixxi parti impotanti mill-pakkett ta' miżuri meħtieġa biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass b'effett serra u jkun hemm konformità mal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar il-Bidla fil-Klima, u l-qafas tal-enerġija u l-klima tal-2030 tal-Unjoni, inkluża l-mira vinkolanti li l-emissjonijiet fl-Unjoni jitnaqqsu b'tal-anqas 40 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Għandha wkoll

Emenda

(2) Il-promozzjoni tal-forom tal-enerġija rinovabbli hija waħda mill-miri tal-politika tal-Unjoni dwar il-enerġija. Iż-żieda fl-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, flimkien ma' ffrankar ta' enerġija u żieda fl-effiċjenza tal-enerġija, tikkostitwixxi parti impotanti mill-pakkett ta' miżuri meħtieġa biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass b'effett serra u jkun hemm konformità mal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar il-Bidla fil-Klima, u l-qafas tal-enerġija u l-klima tal-2030 tal-Unjoni, inkluża l-mira vinkolanti li l-emissjonijiet fl-Unjoni jitnaqqsu b'tal-anqas 40 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Għandha wkoll

rwol importanti fil-promozzjoni tas-sigurtà fil-provvista tal-enerġija, fl-iżvilupp u l-innovazzjoni teknoloġika u fl-għoti ta' opportunitajiet għall-impjeg u l-iżvilupp reġjonali, *speċjalment f'żoni rurali u iżolati jew ir-reġjuni* b'densità tal-popolazzjoni baxxa.

rwol importanti fil-promozzjoni tas-sigurtà fil-provvista tal-enerġija, fl-iżvilupp u l-innovazzjoni teknoloġika u fl-għoti ta' opportunitajiet għall-impjeg u l-iżvilupp *sostenibbli fuq livell reġjonali u lokali, inklużi żoni rurali, remoti, iżolati jew ġeografikament problematiċi jew reġjuni* b'densità tal-popolazzjoni baxxa. *It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra hu ta' importanza kritika iżda m'għandux jikkompeti ma' għanijiet ta' protezzjoni ambjentali oħra.*

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Il-kisba, b'mod reċiprokament koerenti, tal-objettivi multipli tal-Unjoni marbuta mas-settur agrikolu, inklużi l-mitigazzjoni u l-adattament klimatiċi, il-kwalità tal-arja, il-konservazzjoni tal-biodiversità u s-servizzi tal-ekosistema, is-sigurtà alimentari fit-tul, u l-appoġġ għall-ekonomiji rurali, se tirrikjedi żvilupp integrat immirat lejn il-kisba ta' settur tal-agrikoltura u tal-użu tal-art sostenibbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet. Din it-tranżizzjoni se teħtieġ bidliet fl-investimenti u l-inċentivi, bl-appoġġ ta' miżuri tal-Unjoni, bħal pereżempju l-Politika Agrikola Komuni.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Il-Parlament Ewropew, fir-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2016

dwar ir-rapport dwar il-progress fl-enerġija rinnovabbli^{1a} P8_TA(2016)0292, ħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli għall-2020 u tressaq qafas leġiżlattiv ambizzjuż għal wara l-2020, filwaqt li enfasizza l-hteġa għal qafas regolatorju fit-tul, li jinkludi miri nazzjonali u tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli konsistenti mal-aktar rotta effiċjenti lejn l-għanijiet klimatiċi fit-tul tal-Unjoni (għall-2050);

^{1a} Testi adottati, P8_TA(2016)0292.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6b) Il-bijokarburanti li huma r-riżultat ta' produzzjoni tal-proteini jistgħu jintużaw u jitqiesu bħala bijokarburanti tal-ewwel ġenerazzjoni. Mhux biss għandhom impatt pożittiv fuq ir-raba', l-ambjent u l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tas-settur tat-trasport, iżda barra minn hekk jagħmlu parti minn ekonomija ċirkolari billi l-koprodotti b'hekk jiġu riċiklati; il-koprodotti minn dawn l-għelejjel jippermettu wkoll li l-Unjoni tkun anqas dipendenti fuq l-importazzjonijiet, u b'hekk jilliberaw ir-raba' f'pajjiżi terzi;

Ġustifikazzjoni

Il-bijokarburanti li ġejjin mill-UE huma prodotti sekondarji ta' produzzjoni ta' kwalità għolja ħafna ta' għelejjel li fihom il-proteini li hija meħtieġa ħafna fl-UE, peress li l-Ewropa għadha tistrieħ bis-70% fuq importazzjonijiet ta' dqiq tas-sojja biex tissodisfa d-domanda dejjem akbar destinata għall-bhejjem. L-industrija tal-bijokarburanti tal-UE li tipproċessa ż-żerriegħa tal-kolza u ċ-ċereali issa tipproduċi 13-il miljun tunnellata fis-sena ta' dqiq b'livell għoli ta' proteini li l-bqija jkollhom jiġu importati. Dan huwa każ konkret ta' ekonomija

ċirkolari pożittiva. Anqas importazzjonijiet mill-Amerka ta' Fuq u mill-Amerka t'Isfel ifisser aktar disponibilità ta' għalf u ikel f'dawn ir-reġjuni, għall-benefiċċju tal-konsumaturi fid-dinja kollha, u b'hekk jingħata kontribut biex tiżdied is-sigurtà tal-ikel fil-livell globali.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 6c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6c) L-enerġija rinnovabbli għandha titqies bħala ġid komuni Ewropew li jaqdi liċ-ċittadini, l-unitajiet domestiċi u l-komunitajiet. Għaldaqstant jenħtieġ li kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri jistabbilixxu qafas regolatorju u miżuri speċifiċi dwar l-enerġija rinnovabbli għal dan il-għan.

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' enerġija rinnovabbli bħala ġid komuni Ewropew hija maħsuba biex torjenta d-deċiżjonijiet regolatorji kollha lejn l-ilħuq ta' għanijiet soċjali l-ewwel u qabel kollox, aktar milli lejn il-profitti.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 6d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6d) Billi l-prinċipju ta' ekonomija ċirkolari jista' japplika għall-għelejjel kollha li jiġġeneraw koprodotti li jistgħu jiġu użati u apprezzati bħala bijokarburanti, jenħtieġ madankollu li jiġi mfakkar li l-produzzjoni tal-bijokarburanti ma tridx tiddevja mil-għan primarju ta' dawn l-għelejjel;

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Il-miri nazzjonali stabbiliti għall-2020 għandhom jikkostitwixxu l-kontribut minimu tal-Istati Membri għall-qafas il-ġdid tal-2030. Fl-ebda każ is-sehem nazzjonali ta' enerġija rinnovabbli ma għandu jaqa' taħt dan il-kontribut u, f'każ li dan jiġri, l-Istati Membri rilevanti għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li din il-linja ta' bażi tinżamm filwaqt li jikkontribwixxu għall-istrument finanzjarju msemmi fir-Regolament [Governance].

Emenda

(9) Il-miri **u l-valuri mira indiretti** nazzjonali stabbiliti għall-2020 jenħtieġ li jikkostitwixxu l-kontribut minimu tal-Istati Membri għall-qafas il-ġdid tal-2030. Fl-ebda każ is-sehem nazzjonali ta' enerġija rinnovabbli **fis-settur tal-enerġija** ma għandu jaqa' taħt dan il-kontribut u, f'każ li dan jiġri, l-Istati Membri rilevanti jenħtieġ li jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li din il-linja ta' bażi tinżamm filwaqt li jikkontribwixxu għall-istrument finanzjarju msemmi fir-Regolament [Governance].

Ġustifikazzjoni

Udział energii ze źródeł odnawialnych w transporcie, który zostanie osiągnięty w 2020 r., należy traktować jako minimalną podstawę na okres po 2020 r., a obniżenie wspomnianych wielkości powinno być niedopuszczalne. W związku z powyższym, zgodnie z aktualnymi postanowieniami dyrektywy 2009/28/WE, należy utrzymać i w dalszym ciągu zwiększać obowiązkową wartość docelową wynoszącą 10% zużycia paliwa transportowego pochodzącego z zasobów odnawialnych. Ma to zasadnicze znaczenie, gdyż pozwala uniknąć utrudnień w procesie dekarbonizacji w transporcie i tym samym nałożenia większego ciężaru na pozostałe sektory, które nie są objęte systemem handlu uprawnieniami do emisji.

By możliwe było osiągnięcie założeń COP21, należy zwrócić uwagę na sektory źródłowe, które emitują najwięcej gazów cieplarnianych. W tym zakresie sektor transportu emituje jedną czwartą unijnych gazów cieplarnianych i w związku z tym jest drugim pod względem wielkości emitentem (23,2%), bezpośrednio po sektorze „Spalania paliwa i ulotnych emisji z paliw - bez transportu” (55,1%).

Ponadto sama Komisja w swoim raporcie na temat postępów związanych z energią odnawialną (COM(2015)293) potwierdziła pozytywny wpływ docelowego 10-procentowego poziomu wykorzystania energii odnawialnej w transporcie, stwierdzając, że „Dyrektywa w sprawie energii odnawialnej, przewidująca prawnie wiążący 20-procentowy docelowy poziom w UE, 10-procentowe wykorzystanie energii odnawialnej w transporcie oraz wiążące cele krajowe na 2020 r., stanowi integralną część unijnej polityki energetycznej. Stała się ona kluczową siłą napędową europejskich inwestycji globalnych w technologie odnawialne.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 11a (ġdid)

(11a) L-Istati Membri jentieġ li jneħħu kull ostakolu u penali għall-awtokonsum u għall-produtturi ż-żgħar. Jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema ta' għajjuna pubblika għal proġetti fuq skala żgħira (individwi privati, assoċjazzjonijiet tas-sidien, gruppi tal-viċinat, irħula, azjendi agrikoli jew impriżi ta' daqs żgħir u medju, u amministrazzjonijiet jew korpi pubbliċi b'finijiet soċjali). Jenħtieġ li tingħata prijorità lill-approġ għal dawk is-setturi.

Ġustifikazzjoni

Din il-kjarifika hija meħtieġa minħabba li xi Stati Membri jimplimentaw kull tip ta' ostakolu kontra l-awtokonsum, li jmur kontra l-promozzjoni tal-użu tal-enerġija rinnovabbli.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattika bejn l-awtoritajiet jew il-korpi nazzjonali jew **reġjonali** kompetenti, pereżempju permezz ta' laqgħat regolari biex isibu approċċ komuni ħalli jippromwovi aktar proġetti ta' enerġija rinnovabbli kosteffikaċi, jinkoraġġixxu l-investment f'teknoloġiji nodfa, ġodda u flessibbli, u jistabbilixxu strateġija adegwata biex jimmaniġġjaw l-irtirar ta' teknoloġiji li ma jikkontribwux għat-tnaqqis ta' emissjonijiet jew li ma joffrux biżżejjed flessibbiltà, abbażi ta' kriterji trasparenti u sinjali tal-prezz tas-suq affidabbli.

(13) Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattika bejn l-awtoritajiet jew il-korpi nazzjonali, **reġjonali** jew **lokali** kompetenti, pereżempju permezz ta' laqgħat regolari biex isibu approċċ komuni ħalli jippromwovi aktar proġetti ta' enerġija rinnovabbli kosteffikaċi, jinkoraġġixxu l-investment f'teknoloġiji nodfa, ġodda u flessibbli, u jistabbilixxu strateġija adegwata biex jimmaniġġjaw l-irtirar ta' teknoloġiji li ma jikkontribwux għat-tnaqqis ta' emissjonijiet jew li ma joffrux biżżejjed flessibbiltà, abbażi ta' kriterji trasparenti u sinjali tal-prezz tas-suq affidabbli.

Emenda 10

**Proposta għal direttiva
Premessa 15a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Billi l-faqar enerġetiku jolqot lil madwar 11 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni, il-politiki tal-enerġija rinnovabbli jenħtieġ li jkunu ddisinjati b'mod li jsaħħaħ b'mod effettiv l-azzjoni globali tal-Unjoni għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku u l-vulnerabbiltà tal-konsumaturi.

Emenda 11

**Proposta għal direttiva
Premessa 33**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(33) Fil-livell nazzjonali u **reġjonali**, regoli u obbligi għal rekwiżiti minimi għall-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'bini ġdid jew irrenovat wasslu għal żidiet konsiderevoli fl-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. Dawk il-miżuri għandhom jiġu inkoraġġiti f'kuntest tal-Unjoni usa', filwaqt li jkun promoss l-użu ta' applikazzjonijiet ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli b'aktar effiċjenza tal-enerġija f'regolamenti u kodiċijiet tal-bini.

(33) Fil-livell nazzjonali, **reġjonali** u **lokali**, regoli u obbligi għal rekwiżiti minimi għall-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'bini ġdid jew irrenovat wasslu għal żidiet konsiderevoli fl-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. Dawk il-miżuri għandhom jiġu inkoraġġiti f'kuntest tal-Unjoni usa', filwaqt li jkun promoss l-użu ta' applikazzjonijiet ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli b'aktar effiċjenza tal-enerġija f'regolamenti u kodiċijiet tal-bini.

Emenda 12

**Proposta għal direttiva
Premessa 37**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(37) Proċeduri amministrattivi li jieħdu fit-tul iservu ta' ostaklu amministrattiv kbir u jiswew il-flus. Is-simplifikazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi, assoċjata ma' limitu ta' żmien ċar **biex tittieħed id-deċiżjoni** mill-awtoritajiet rispettivi fir-

(37) Proċeduri amministrattivi li jieħdu fit-tul iservu ta' ostaklu amministrattiv kbir u jiswew il-flus. Is-simplifikazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi, assoċjata ma' limitu ta' żmien ċar **għall-faċilitazzjoni ta' deċiżjoni finali li trid tittieħed** mill-

rigward tal-kostruzzjoni tal-proġett għandha tistimola t-trattament tal-proċeduri b'mod aktar effiċjenti u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi.

awtoritajiet rispettivi fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-proġett għandha tistimola t-trattament tal-proċeduri b'mod aktar effiċjenti u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi.

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 50a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(50a) Fit-trawwim tal-iżvilupp tas-suq għal riżorsi ta' enerġija rinnovabbli jrid jittqies l-impatt negattiv fuq parteċipanti oħrajn fis-suq. Għalhekk, l-iskemi ta' appoġġ jenħtieġ li jnaqqsu r-riskju ta' distorsjoni tas-suq u distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

Ġustifikazzjoni

Il-bijomassa, speċjalment il-bijomassa forestali, hija materja prima ta' valur għall-industrija tal-injam li tistimola l-ekonomija ta' reġjuni rurali Ewropej. Iż-żieda fid-domanda għall-bijomassa forestali, għalhekk, m'għandhiex twassal għal distorsjoni tas-suq fis-settur konċernat.

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(51) Is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni l-aktar imbiegħda hija rikonoxxuta fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Is-settur tal-enerġija fir-reġjuni l-aktar imbiegħda huwa ħafna drabi kkaratterizzat minn iżolament, provvista limitata u d-dipendenza fuq il-karburanti fossili filwaqt li dawn ir-reġjuni jibbenefikaw minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli lokali importanti.

(51) Is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni l-aktar imbiegħda hija rikonoxxuta fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Is-settur tal-enerġija fir-reġjuni l-aktar imbiegħda huwa ħafna drabi kkaratterizzat minn iżolament, provvista limitata u ***aktar għalja u*** d-dipendenza fuq il-karburanti fossili filwaqt li dawn ir-reġjuni jibbenefikaw minn sorsi ta' enerġija

Ir-reġjuni l-aktar imbiegħda jistgħu għalhekk iservu bħala eżempji tal-applikazzjoni tat-teknoloġiji innovattivi tal-enerġija għall-Unjoni. Huwa għalhekk neċessarju li ***jiġi promoss l-użu tal-enerġija rinnovabbli*** sabiex jintlaħaq livell oġhla ta' awtonomija tal-enerġija għal dawk ir-reġjuni u tiġi rikonossuta s-sitwazzjoni speċifika tagħhom f'termini tal-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli u l-ħtiġijiet ta' appoġġ pubbliku.

rinnovabbli lokali importanti, ***b'mod partikolari l-bijomassa***. Ir-reġjuni l-aktar imbiegħda jistgħu għalhekk iservu bħala eżempji tal-applikazzjoni tat-teknoloġiji innovattivi tal-enerġija għall-Unjoni. Huwa għalhekk neċessarju li ***l-istrateġija tal-enerġija rinnovabbli tiġi adattata*** sabiex jintlaħaq livell oġhla ta' awtonomija tal-enerġija għal dawk ir-reġjuni, ***tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista***, u tiġi rikonossuta s-sitwazzjoni speċifika tagħhom f'termini tal-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli u l-ħtiġijiet ta' appoġġ pubbliku. ***Barra minn hekk, ir-reġjuni l-aktar imbiegħda jenħtieġ li jkunu jistgħu jisfruttaw għalkollox ir-riżorsi tagħhom, f'konformità mal-kriterji stretti tas-sostenibbiltà u skont il-ħtiġijiet lokali speċifiċi, sabiex tiżdied il-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli tagħhom u tissaħħaħ l-indipendenza enerġetika tagħhom.***

Ġustifikazzjoni

Il-forniment ta' karburanti fossili lir-reġjuni l-aktar imbiegħda (80 % jew aktar f'xi reġjuni) iwassal għal spejjeż addizzjonali li jaffettwaw b'mod negattiv l-ekonomija lokali ta' dawk ir-reġjuni u l-kapaċità tal-akkwist tal-abitanti. Fl-istess waqt, uħud mir-reġjuni għandhom ħafna riżorsi ta' bijomassa u huma għandhom ikunu jistgħu jużawhom.

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni

(57) Diversi Stati Membri implimentaw miżuri fis-settur tat-tiżnin u t-tkessiħ ***li*** jilħqu ***mira*** tal-enerġija rinnovabbli għall-2020. Madankollu, fin-nuqqas ta' miri nazzjonali vinkolanti għall-perjodu wara l-2020, il-bqija tal-inċentivi nazzjonali jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni fuq perjodu twil ta' żmien għall-2030 u l-2050. Sabiex ikun hemm konformità ma' dawn l-

Emenda

(57) Diversi Stati Membri implimentaw miżuri fis-settur tat-tiżnin u t-tkessiħ ***biex*** jilħqu ***l-mira tagħhom*** tal-enerġija rinnovabbli għall-2020. Madankollu, fin-nuqqas ta' miri nazzjonali vinkolanti għall-perjodu wara l-2020, il-bqija tal-inċentivi nazzjonali jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni fuq perjodu twil ta' żmien għall-2030 u l-2050. Sabiex ikun hemm konformità ma'

għanijiet, tissaħħaħ iċ-ċertezza għall-investituri u jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' suq tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli, filwaqt li jiġi rrispettat l-ewwel prinċipju tal-effiċjenza tal-enerġija, huwa xieraq li jiġu nkoraġġuti l-isforzi tal-Istati Membri fil-provvista tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli ħalli jikkontribwixxu għal żieda progressiva fl-enerġija rinnovabbli. Minħabba n-natura frammentata ta' xi swieq tat-tisħin u t-tkessiħ, huwa ta' importanza kbira li tiġi żgurata flessibilità fit-tfassil ta' sforzi bħal dawn. Huwa importanti wkoll li jiġi żgurat li l-użu potenzjali tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli ma jkollux effetti sekondarji ta' ħsara ambjentali.

dawn l-għanijiet, tissaħħaħ iċ-ċertezza għall-investituri u jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' suq tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli, filwaqt li jiġi rrispettat l-ewwel prinċipju tal-effiċjenza tal-enerġija, huwa xieraq li jiġu nkoraġġuti l-isforzi tal-Istati Membri fil-provvista tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli ħalli jikkontribwixxu għal żieda progressiva fl-enerġija rinnovabbli. Minħabba n-natura frammentata ta' xi swieq tat-tisħin u t-tkessiħ, huwa ta' importanza kbira li tiġi żgurata flessibilità fit-tfassil ta' sforzi bħal dawn. Huwa importanti wkoll li jiġi żgurat li l-użu potenzjali tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli ma jkollux effetti sekondarji ta' ħsara ambjentali, ***b'mod partikolari rigward il-kwalità tal-arja, kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha.***

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tiżgura li d-Direttiva riveduta tħeġġeġ l-użu ta' karburanti rinnovabbli li huma partikolarment ta' benefiċċju mhux biss għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, iżda wkoll għall-kwalità tal-arja.

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 63a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(63a) Ir-riċerka u l-iżvilupp jenħtieġ li jiġu promossi għal għelejjel imkabbra għall-bijokarburanti sabiex jissaħħew u jinftiehm u aħjar il-benefiċċji ta' dawk l-għelejjel għall-biodiversità, il-provvista ta' proteini u t-tnaqqis tal-emissjonijiet. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkunu promossi r-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġija agrikola u metodi biex tiżdied il-produzzjoni, minħabba l-pressjonijiet li jiffaċċjaw il-bdiewa kif ukoll minħabba l-fatt li ntwera li żieda fil-produzzjoni

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(65) Il-promozzjoni ta' karburanti fossili b'livell baxx ta' karbonju li huma prodotti minn flussi ta' skart jistgħu wkoll jikkontribwixxi lejn l-għanijiet tal-politika ta' diversifikazzjoni tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport. Huwa għalhekk xieraq li jiġu inklużi dawk il-karburanti fl-obbligu tal-inkorporazzjoni fuq il-fornituri tal-karburant.

imħassar

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ għall-karburanti fossili bbażati fuq l-iskart jagħmel il-karburanti fossili aktar kompetittivi, u dan il-fatt imur kontra l-mira tat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra u kontra l-promozzjoni tal-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inkluża l-bijomassa agrikola u forestali. Fil-prinċipju, l-inklużjoni tal-karburanti bbażati fuq il-fossili f'din id-Direttiva ma tidhris konsistenti. Saħansitra, peress li ma hemm l-ebda stima disponibbli dwar il-prestazzjoni jew ir-rekwiżiti tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG) tagħhom u lanqas ma hemm xi sostenibbiltà.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(66) Materja prima għall-ipproċessar industrijali u produttiv li għandha impatti baxxi fuq it-tibdil indirett fl-użu tal-art meta tkun użata għall-bijokarburanti, għandha tiġi promossa sabiex tagħti kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija. B'mod partikolari materja prima għal bijokarburanti avvanzati, li tapplika teknoloġija aktar innovattiva u anqas matura u li għalhekk jeħtieġ livell

(66) Materja prima għall-ipproċessar industrijali u produttiv li għandha impatti baxxi fuq it-tibdil indirett fl-użu tal-art meta tkun użata għall-bijokarburanti, għandha tiġi promossa sabiex tagħti kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija. B'mod partikolari materja prima għal bijokarburanti avvanzati, li tapplika teknoloġija aktar innovattiva u anqas matura u li għalhekk jeħtieġ livell

ogħla ta' appoġġ, għandha tiġi inkluża f'Anness ma' din id-Direttiva. Sabiex jiġi żgurat li dan l-Anness jiġi aġġornat mal-aħħar żviluppi teknoloġiċi filwaqt li jiġu evitati l-effetti negattivi mhux intenzjonati, **għandha** ssir evalwazzjoni wara l-adozzjoni tad-Direttiva sabiex tivvaluta l-possibbiltà li l-Anness jiġi estiż għal materja prima ġdida.

ogħla ta' appoġġ, għandha tiġi inkluża f'Anness ma' din id-Direttiva. **Materja prima eleġibbli għall-bijokarburanti avvanzati hi konformi mal-prinċipju tal-ġerarkija tal-iskart u ma toħloq ebda distorsjoni għas-suq tal-prodotti, l-iskart u r-residwi.** Sabiex jiġi żgurat li dan l-Anness jiġi aġġornat mal-aħħar żviluppi teknoloġiċi filwaqt li jiġu evitati l-effetti negattivi mhux intenzjonati, **jenħtieġ li** ssir evalwazzjoni wara l-adozzjoni tad-Direttiva sabiex tivvaluta l-possibbiltà li l-Anness jiġi estiż għal materja prima ġdida.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni

(68) Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tal-bijomassa bħala kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija permezz tal-użi tagħha għall-materjali u l-enerġija, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu mobilizzazzjoni sostenibbli akbar tal-injam eżistenti u tar-riżorsi agrikoli u l-iżvilupp ta' sistemi ġodda ta' silvikultura u produzzjoni agrikola.

Emenda

(68) Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tal-bijomassa bħala kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija permezz tal-użi tagħha għall-materjali u l-enerġija, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu mobilizzazzjoni sostenibbli akbar tal-injam eżistenti u tar-riżorsi agrikoli u l-iżvilupp ta' sistemi ġodda ta' silvikultura u produzzjoni agrikola, **u jesploraw il-possibbiltà li jappoġġjaw il-forestrija sostenibbli b'rabta mal-produzzjoni tal-enerġija lokali, bħall-pit, sabiex jiġi massimizzat l-iffrankar fit-tul tal-gassijiet b'effett ta' serra.**

Ġustifikazzjoni

Il-kisba ta' ffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra b'mod kosteffikaċi u olistiku tirrikjedi approċċ li jfittex li joħloq sinerġiji bejn il-forestrija u l-enerġija disponibbli fil-lokali, bħall-pit.

Emenda 20

Proposta għal direttiva

Premessa 69

Test propost mill-Kummissjoni

(69) Biokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa għandhom dejjem jiġu prodotti b'manjiera sostenibbli. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa użati għall-konformità mal-mira tal-Unjoni stabbiliti f'din id-Direttiva, u dawk li jibbenefikaw minn skemi ta' sostenn, għandhom għalhekk jiġu meħtieġa jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra.

Emenda

(69) Biokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa għandhom dejjem jiġu prodotti b'manjiera sostenibbli, ***u jenħtieġ li jittieħdu passi biex ikun żgurat li l-materji primi fil-fatt jintużaw b'mod li jagħmel l-inqas ħsara possibbli lill-ambjent.*** Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa użati għall-konformità mal-mira tal-Unjoni stabbiliti f'din id-Direttiva, u dawk li jibbenefikaw minn skemi ta' sostenn, għandhom għalhekk jiġu meħtieġa jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra.

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni

(71) Il-produzzjoni ta' materja prima agrikola ***u tal-foresti*** għall-bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa, u l-inċentivi għall-użu tagħhom previst f'din id-Direttiva, m'għandhomx ikollhom l-effett li jinkoraġġixxu l-qerda ta' artijiet bijodiversi. It-tali riżorsi limitati, rikonoxxuti f'diversi strumenti internazzjonali bħala li huma ta' valur għall-bnedmin kollha, għandhom ikunu ppreservati. Jeħtieġ għalhekk li jiġu pprovduti kriterji ta' sostenibbiltà u għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li jiżguraw li l-bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa jikkwalifikaw għall-inċentivi biss meta jkun iggarantit li l-materja prima agrikola ma toriġinax f'żoni bijodiversi jew, fil-każ ta' żoni ddedikati

Emenda

(71) Il-produzzjoni ta' materja prima agrikola għall-bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa, u l-inċentivi għall-użu tagħhom previst f'din id-Direttiva, m'għandhomx ikollhom l-effett li jinkoraġġixxu l-qerda ta' artijiet bijodiversi. It-tali riżorsi limitati, rikonoxxuti f'diversi strumenti internazzjonali bħala li huma ta' valur għall-bnedmin kollha, għandhom ikunu ppreservati. Jeħtieġ għalhekk li jiġu pprovduti kriterji ta' sostenibbiltà u għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li jiżguraw li l-bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa jikkwalifikaw għall-inċentivi biss meta jkun iggarantit li l-materja prima agrikola ***jew forestali*** ma toriġinax f'żoni bijodiversi jew, fil-każ ta' żoni ddedikati għal skopijiet ta' protezzjoni

għal skopijiet ta' protezzjoni tan-natura jew għall-protezzjoni ta' ekosistemi jew speċijiet rari, mhedda jew fil-periklu li jinqerdu, l-awtorità kompetenti rilevanti turi li l-produzzjoni tal-materja prima agrikola ma tinterferix mat-tali skopijiet. Il-foresti għandhom jitqiesu bħala bijodiversi skont il-kriterji tas-sostennibbiltà, meta jkunu foresti primarji skont id-definizzjoni użata mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) fl-evalwazzjoni tagħha dwar ir-Riżorsi Globali tal-Foresti, jew fejn huma protetti mil-liġijiet nazzjonali għall-protezzjoni tan-natura. Żoni fejn isir il-ġbir ta' prodotti forestali minbarra l-injam jenħtieġ li jitqiesu bħala foresti bijodiversi, bil-kondizzjoni li l-impatt tal-bniedem ikun żgħir. Tipi oħra ta' foresti kif definiti mill-FAO, bħal foresti naturali modifikati, foresti semi-naturali u pjantaġġuni, m'għandhomx jitqiesu bħala foresti primarji. Barra minn hekk, fid-dawl tan-natura b'bijodiversità għolja ta' ċerti artijiet bil-ħaxix, kemm moderati u kemm tropikali, inklużi savani, steppi, artijiet neqsin mix-xita u prateriji b'bijodiversità għolja, il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa magħmulin minn materja prima agrikola li toriġina minn artijiet bħal dawn jenħtieġ li ma jikkwalifikawx għall-inċentivi previsti f'din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kriterji xierqa biex tiddefinixxi artijiet bil-ħaxix bħal dawn li **għanddom** bijodiversità għolja skont l-aqwa provi xjentifiċi disponibbli u l-istandards internazzjonali rilevanti.

tan-natura jew għall-protezzjoni ta' ekosistemi jew speċijiet rari, mhedda jew fil-periklu li jinqerdu, l-awtorità kompetenti rilevanti turi li l-produzzjoni tal-materja prima agrikola **jew forestali** ma tinterferix mat-tali skopijiet. **Il-produzzjoni sostenibbli ta' materja prima agrikola għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-ipproċessar lokali u reġjonali tar-riżorsi. Għaldaqstant jenħtieġ li l-katini ta' valur lokali u reġjonali jissaħħew fl-istess ħin.** Il-foresti għandhom jitqiesu bħala bijodiversi skont il-kriterji tas-sostennibbiltà, meta jkunu foresti primarji skont id-definizzjoni użata mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) fl-evalwazzjoni tagħha dwar ir-Riżorsi Globali tal-Foresti, jew fejn huma protetti mil-liġijiet nazzjonali għall-protezzjoni tan-natura. Żoni fejn isir il-ġbir ta' prodotti forestali minbarra l-injam jenħtieġ li jitqiesu bħala foresti bijodiversi, bil-kondizzjoni li l-impatt tal-bniedem ikun żgħir. Tipi oħra ta' foresti kif definiti mill-FAO, bħal foresti naturali modifikati, foresti semi-naturali u pjantaġġuni, m'għandhomx jitqiesu bħala foresti primarji. Barra minn hekk, fid-dawl tan-natura b'bijodiversità għolja ta' ċerti artijiet bil-ħaxix, kemm moderati u kemm tropikali, inklużi savani, steppi, artijiet neqsin mix-xita u prateriji b'bijodiversità għolja, il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa magħmulin minn materja prima agrikola li toriġina minn artijiet bħal dawn jenħtieġ li ma jikkwalifikawx għall-inċentivi previsti f'din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kriterji xierqa biex tiddefinixxi artijiet bil-ħaxix bħal dawn li **għandhom** bijodiversità għolja skont l-aqwa provi xjentifiċi disponibbli u l-istandards internazzjonali rilevanti.

Ġustifikazzjoni

Produzzjoni sostenibbli ta' materja prima agrikola għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa hija possibbli biss jekk tkun ibbażata fuq ktajjen ta' valur lokali jew reġjonali.

Emenda 22

Proposta għal direttiva Premessa 73

Test propost mill-Kummissjoni

(73) *Il-materja prima agrikola mill-produzzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa ma għandhiex tiġi prodotta minn art tal-pit peress li l-kultivazzjoni tal-materja prima fuq art tal-pit tirriżulta f'telf sinifikanti tal-istokk tal-karbonju jekk l-art tkompli tiġi iddrejnata għal dak il-għan filwaqt li n-nuqqas tat-tali drenaġġ ma jkunx jista' jiġi vverifikat faċilment.*

Emenda

(73) *Jenħtieġ li l-produzzjoni ta' materja prima agrikola għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa ma twassalx għall-iddrejnjar ta' artijiet tal-pit jew artijiet mistagħdra mhux iddrejnjati, peress li l-kultivazzjoni tal-materja prima fuq art tal-pit jew art mistagħdra f'dak il-każ tirriżulta f'telf sinifikanti tal-istokk tal-karbonju jekk l-art tkompli tiġi iddrejnata għal dak il-għan.*

Ġustifikazzjoni

L-użu ta' art tal-pit mhux iddrejnata ma tistax tiġi eskluża għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa, iżda bidla li tolqot lill-ħamrija bħal pereżempju d-drenaġġ ta' artijiet tal-pit u artijiet mistagħdra mhux iddrejnjati għandhom jiġu esklużi għax huma insostenibbli.

Emenda 23

Proposta għal direttiva Premessa 74

Test propost mill-Kummissjoni

(74) *Fil-qafas tal-Politika Agrikola Komuni, il-bdiewa tal-Unjoni għandhom jikkonformaw ruħhom ma' ġabra komprensiva ta' rekwiżiti ambjentali ħalli jirċievu appoġġ dirett. Il-konformità ma' dawk il-kriterji tista' tiġi vverifikata bl-aktar mod effettiv fil-kuntest tal-politika*

Emenda

imħassar

*agrikola. L-inklużjoni ta' dawk ir-
rekwiżiti fl-iskema tas-sostennibbiltà ma
tkunx xierqa peress li l-kriterji tas-
sostennibbiltà fil-każ tal-bijoenerġija
għandhom jistipulaw regoli li jkunu
oġġettivi u li japplikaw globalment. Il-
verifika tal-konformità skont din id-
Direttiva tkun tipperikola wkoll li
tikkawża piż amministrattiv bla hteġa.*

Emenda 24

Proposta għal direttiva Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni

(75) Jixraq li jiddaħħlu kriterji madwar l-Unjoni kollha dwar is-sostennibbiltà u l-emissjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-karburanti mill-bijomassa użati fil-ġenerazzjoni tal-elettriku u tat-tiżhin u tkessiġ, ħalli jitkompla jiġi żgurat l-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra bi tqabbil mal-karburanti fossoli, biex b'hekk jiġu evitati impatti mhux intenzjonati fuq is-sostennibbiltà, u jitħeġġeġ is-suq intern.

Emenda

(75) Jixraq li jiddaħħlu kriterji madwar l-Unjoni kollha dwar is-sostennibbiltà u l-emissjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-karburanti mill-bijomassa użati fil-ġenerazzjoni tal-elettriku u tat-tiżhin u tkessiġ, ħalli jitkompla jiġi żgurat l-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra bi tqabbil mal-karburanti fossoli, biex b'hekk jiġu evitati impatti mhux intenzjonati fuq is-sostennibbiltà, u jitħeġġeġ is-suq intern. ***Mingħajr ma jikkawżaw dannu lil riżorsi primarji ta' valur ambjentali kbir, ir-reġjuni l-aktar imbiegħda jenħtieġ li jkunu jistgħu jisfruttaw ir-riżorsi tagħhom bil-ħsieb li tingħata spinta lill-ammont ta' enerġija rinnovabbli li jiġġeneraw u li tikber l-indipendenza enerġetika tagħhom.***

Ġustifikazzjoni

Din id-Direttiva m'għandhiex tipprojbixxi l-użu tal-bijomassa fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, pereżempju l-foresti primarji, għax il-bijomassa hija waħda mir-riżorsi ewlenin ta' dawn it-territorji. L-użu ta' dawn ir-riżorsi diġà huwa kkontrollat permezz ta' kriterji stretti ta' sostenibbiltà li jggarantixxu l-integrità ambjentali ta' din l-attività.

Emenda 25

**Proposta għal direttiva
Premessa 76**

Test propost mill-Kummissjoni

(76) Biex jiġi żgurat dan, minkejja d-domanda kull ma jmur qed tikber għall-bijomassa mill-foresti, il-ħsad isir b'mod sostenibbli fil-foresti fejn ir-riġenerazzjoni hija żgurata, tingħata attenzjoni speċjali lil dawk iż-żoni li huma espliċitament magħżula għall-protezzjoni tal-biodiversità, lil pajsaġġi u elementi naturali speċifiċi, jiġu kkonservati r-riżorsi tal-biodiversità u jiġu ttraċċati l-istokkijiet tal-karbonju, bil-materja prima tal-injam tiġi biss minn foresti li huma maħsuda skont il-prinċipji tal-immaniġġjar sostenibbli tal-foresti skont proċessi forestarji internazzjonali bħal Forest Europe u bl-implimentazzjoni permezz tal-liġijiet nazzjonali jew l-aħjar prattiċi ta' mmaniġġjar fil-livell tal-azjendi forestali. L-operaturi għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jimminimizzaw ir-risju li jużaw bijomassa mill-foresti mhux sostenibbli għall-produzzjoni tal-bijoenerġija. Għal dan il-għan, l-operaturi għandhom iqiegħdu fis-seħħ approċċ imsejjes fuq ir-riskju. F'dan il-kuntest, jixraq li l-Kummissjoni tiżviluppa gwida operattiva dwar il-verifikazzjoni tal-konformità mal-approċċ imsejjes fuq ir-riskju, wara konsultazzjoni mal-Kumitat dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, u l-Kumitat Forestrarju Permanenti stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE²⁴.

²⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE tad-29 ta' Mejju 1989 li tistabilixxi il-Kumitat Forestrarju Permanenti (ĠU

Emenda

(76) Biex jiġi żgurat dan, minkejja d-domanda kull ma jmur qed tikber għall-bijomassa mill-foresti, il-ħsad isir b'mod sostenibbli fil-foresti fejn ir-riġenerazzjoni hija żgurata, tingħata attenzjoni speċjali lil dawk iż-żoni li huma espliċitament magħżula għall-protezzjoni tal-biodiversità, lil pajsaġġi u elementi naturali speċifiċi, jiġu kkonservati r-riżorsi tal-biodiversità u jiġu ttraċċati l-istokkijiet tal-karbonju, bil-materja prima tal-injam tiġi biss minn foresti li huma maħsuda skont il-prinċipji tal-immaniġġjar sostenibbli tal-foresti skont proċessi forestarji internazzjonali bħal Forest Europe u bl-implimentazzjoni permezz tal-liġijiet nazzjonali jew l-aħjar prattiċi ta' mmaniġġjar fil-livell tal-azjendi forestali. ***L-afforestazzjoni ta' art agrikola u l-monokulturi forestali, l-ispeċijiet aljeni u kwalunkwe speċi li tista' titqies li hi invasiva jenħtieġ li dejjem jiġu evitati.*** L-operaturi għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jimminimizzaw ir-risju li jużaw bijomassa mill-foresti mhux sostenibbli għall-produzzjoni tal-bijoenerġija. Għal dan il-għan, l-operaturi għandhom iqiegħdu fis-seħħ approċċ imsejjes fuq ir-riskju. F'dan il-kuntest, jixraq li l-Kummissjoni tiżviluppa gwida operattiva dwar il-verifikazzjoni tal-konformità mal-approċċ imsejjes fuq ir-riskju, wara konsultazzjoni mal-Kumitat dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, u l-Kumitat Forestrarju Permanenti stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE²⁴.

²⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE tad-29 ta' Mejju 1989 li tistabilixxi il-Kumitat Forestrarju Permanenti (ĠU L 165,

Ġustifikazzjoni

Din il-kjarifika hija meħtieġa, minn naħa, biex l-art agrikola tinżamm għall-produzzjoni tal-ikel u, min-naħa l-oħra, għax it-telf tal-art agrikola u l-monokulturi forestali, xi kultant ta' speċijiet aljeni li huma ta' ħsara kbira għall-ambjent, jagħmilha impossibbli li jkun hemm konformità mal-ewwel parti tal-premessa.

Emenda 26

Proposta għal direttiva Premessa 78

Test propost mill-Kummissjoni

(78) Il-karburanti mill-bijomassa għandhom jiġu konvertiti f'elettriku u sħana b'mod effiċjenti ħalli jiġu masimizzati s-sigurtà tal-enerġija u l-iffrankar fil-gassijiet b'effett ta' serra, kif ukoll biex jittrażnu l-emissjonijiet tal-pollutanti tal-arja u tiġi minimizzata l-pressjoni fuq ir-riżorsi limitati tal-bijomassa. Għal dan il-għan, l-appoġġ pubbliku għal stallazzjonijiet b'kapaċità ta' karburant ta' 20 MW jew aktar, jekk ikun meħtieġ, għandu jingħata biss lil stallazzjonijiet effiċjenti ħafna li jikkombinaw il-produzzjoni tal-qawwa elettrika u s-sħana kif definit fl-Artikolu 2(34) tad-Direttiva 2012/27/UE. L-iskemi ta' appoġġ eżistenti għall-elettriku msejjes fuq il-bijomassa għandhom madankollu jitħallew sakemm jaslu fi tmiemhom għall-istallazzjonijiet kollha tal-bijomassa. Barra minn hekk, l-elettriku prodott mill-bijomassa f'stallazzjonijiet ġodda b'kapaċità ta' karburant ta' 20 MW jew aktar għandu jgħodd biss bħala parti mill-miri u l-obbligi dwar l-enerġija rinnovabbli fil-każijiet ta' stallazzjonijiet effiċjenti ħafna li jikkombinaw il-ġenerazzjoni tal-qawwa elettrika u s-sħana. Skont ir-regoli tal-ġhajjnuna mill-Istat, l-Istati Membri għandhom madankollu jitħallew jagħtu

Emenda

(78) Il-karburanti mill-bijomassa għandhom jiġu konvertiti f'elettriku u sħana b'mod effiċjenti ħalli jiġu masimizzati s-sigurtà tal-enerġija u l-iffrankar fil-gassijiet b'effett ta' serra, kif ukoll biex jittrażnu l-emissjonijiet tal-pollutanti tal-arja u tiġi minimizzata l-pressjoni fuq ir-riżorsi limitati tal-bijomassa. Għal dan il-għan, l-appoġġ pubbliku għal stallazzjonijiet b'kapaċità ta' karburant ta' 20 MW jew aktar, jekk ikun meħtieġ, għandu jingħata biss lil stallazzjonijiet effiċjenti ħafna li jikkombinaw il-produzzjoni tal-qawwa elettrika u s-sħana kif definit fl-Artikolu 2(34) tad-Direttiva 2012/27/UE. L-iskemi ta' appoġġ eżistenti għall-elettriku msejjes fuq il-bijomassa għandhom madankollu jitħallew sakemm jaslu fi tmiemhom għall-istallazzjonijiet kollha tal-bijomassa. Barra minn hekk, l-elettriku prodott mill-bijomassa f'stallazzjonijiet ġodda b'kapaċità ta' karburant ta' 20 MW jew aktar għandu jgħodd biss bħala parti mill-miri u l-obbligi dwar l-enerġija rinnovabbli fil-każijiet ta' stallazzjonijiet effiċjenti ħafna li jikkombinaw il-ġenerazzjoni tal-qawwa elettrika u s-sħana. Skont ir-regoli tal-ġhajjnuna mill-Istat, l-Istati Membri għandhom madankollu

appoġġ pubbliku għall-produzzjoni tas-sorsi rinnovabbli lill-istallazzjonijiet, u jgħoddu l-elettriku li jipproduċu mal-miri u l-obbligi dwar l-enerġija rinnovabbli, ħalli tiġi evitata dipendenza akbar fuq il-karburanti fossili b'impatti ambjentali u klimatiċi akbar f'każijiet fejn, wara li ġew eżawsti l-possibiltajiet tekniċi u ekonomiċi kollha biex jiġu stallati stallazzjonijiet tal-bijomassa effiċjenti ħafna li jikkombinaw is-sħana mal-qawwa elettrika, l-Istati Membri jisfaw iħabbtu wiċċhom ma' riskju sostanzjat ta' skarsezza tal-provvista tal-elettriku.

jitħallew jagħtu appoġġ pubbliku għall-produzzjoni tas-sorsi rinnovabbli lill-istallazzjonijiet, u jgħoddu l-elettriku li jipproduċu mal-miri u l-obbligi dwar l-enerġija rinnovabbli, ħalli tiġi evitata dipendenza akbar fuq il-karburanti fossili b'impatti ambjentali u klimatiċi akbar f'każijiet fejn, wara li ġew eżawsti l-possibiltajiet tekniċi u ekonomiċi kollha biex jiġu stallati stallazzjonijiet tal-bijomassa effiċjenti ħafna li jikkombinaw is-sħana mal-qawwa elettrika, l-Istati Membri jisfaw iħabbtu wiċċhom ma' riskju sostanzjat ta' skarsezza tal-provvista tal-elettriku. ***B'mod partikolari, appoġġ għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli mill-bijomassa li għandha tiġi stabbiliti fir-reġjuni l-aktar imbiegħda li jiddependu ħafna fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija jenħtieġ li jissaħħaħ, dment li jiġu ssodisfati l-kriterji stretti ta' sostenibbiltà għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, adatti għall-kundizzjonijiet speċifiċi tar-reġjuni.***

Emenda 27

Proposta għal direttiva Premessa 78a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(78a) Minkejja r-regola ġenerali li l-elettriku minn karburanti mill-bijomassa b'kapaċità ta' 20 MW jew iktar jitqies u jiġi appoġġjat biss fil-każ tal-elettriku u s-sħana kkombinati effiċjenti ħafna, jeħtieġ li jitqiesu ċ-ċirkostanzi li jolqtu l-fattibbiltà ta' din it-teknoloġija. Is-sħana u l-elettriku kkombinati mhux dejjem huma l-aħjar għażla f'termini tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji f'żoni rurali u iżolati, li jiddependu ħafna fuq l-agrikoltura, is-sajd u l-forestrija jew b'domanda baxx għas-sħana minħabba l-

kundizzjonijiet klimatiċi. Ir-rekwiżit sabiex tiġi applikata l-koġenerazzjoni effiċjenti ħafna jenħtieġ li jkun soġġett għal analiżi speċifika tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji għal dawn il-postijiet.

Emenda 28

Proposta għal direttiva Premessa 84

Test propost mill-Kummissjoni

(84) Bil-għan li jkun evitat piż amministrattiv sproporzjonat, **għandha** tiġi stabbilita lista ta' valuri awtomatiċi għal mogħdijiet komuni ta' produzzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa u dik il-lista għandha tiġi aġġornata u għandha titwessa' meta jkun hemm disponibbli aktar data affidabbli. L-operaturi ekonomiċi għandhom dejjem ikunu intitolati li jikklejmjaw il-livell ta' ffrankar tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra fir-rigward tal-bijokarburanti bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa stabbiliti minn dik il-lista. Fejn il-valur awtomatiku għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra minn mogħdija tal-produzzjoni huwa taħt il-livell minimu meħtieġ tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra, il-produtturi li jixtiequ juru l-konformità tagħhom ma' dan il-livell minimu għandhom jintalbu juru li l-emissjonijiet reali mill-proċess tagħhom ta' produzzjoni huma iktar baxxi minn dawk li kienu maħsuba fil-kalkolu tal-valuri awtomatiċi.

Emenda

(84) Bil-għan li jkun evitat piż amministrattiv sproporzjonat, **jehntieġ li** tiġi stabbilita lista ta' valuri awtomatiċi għal mogħdijiet komuni ta' produzzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa u dik il-lista għandha tiġi aġġornata u għandha titwessa' meta jkun hemm disponibbli aktar data affidabbli. L-operaturi ekonomiċi għandhom dejjem ikunu intitolati li jikklejmjaw il-livell ta' ffrankar tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra fir-rigward tal-bijokarburanti bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa stabbiliti minn dik il-lista. Fejn il-valur awtomatiku għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra minn mogħdija tal-produzzjoni huwa taħt il-livell minimu meħtieġ tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra, il-produtturi li jixtiequ juru l-konformità tagħhom ma' dan il-livell minimu għandhom jintalbu juru li l-emissjonijiet reali mill-proċess tagħhom ta' produzzjoni huma iktar baxxi minn dawk li kienu maħsuba fil-kalkolu tal-valuri awtomatiċi, **u li ż-żona ta' provenjenza tinsab fir-raġġ ta' distanza tat-trasport sostenibbli. Meta raġġ ikopri pajjiż, l-operatur jehntieġ juri biss il-pajjiż ta' oriġini.**

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi evitat il-piż amministrattiv, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jitħallew jużaw iż-żona ta' provenjenza bħala prova, minflok l-intraċċar tar-rota tat-trasport (kilometri ta' trasport). Il-valuri awtomatiċi fl-Anness VI jindikaw li l-limitu tal-iffrankar ta' GHG għall-bijomassa jiddependi fuq id-distanza tat-trasport miksub sa' 2500 km. Id-distanza tat-trasport tal-laqx tal-injam lokali normalment hi ta' xi mijiet ta' kilometri. Għalhekk, impjant li juża bijomassa lokali ma jistax juża bijomassa insostenibbli f'termini tal-kriterju tal-iffrankar ta' GHG.

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Premessa 85

Test propost mill-Kummissjoni

(85) Huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti regoli ċari għall-kalkolu tal-emissjoni ta' gass b'effett serra mill-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa u l-karburanti fossili ta' riferiment tagħhom.

Emenda

(85) Huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti regoli ċari **u xjentifikament oġġettivi** għall-kalkolu tal-emissjoni ta' gass b'effett serra mill-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa u l-karburanti fossili ta' riferiment tagħhom.

Ġustifikazzjoni

Fil-passat il-Kummissjoni użat valuri inkorretti fil-kalkoli. Huwa importanti li kwalunkwe regola tkun xjentifikament oġġettiva.

Emenda 30

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) "enerġija minn sorsi rinnovabbli" tfisser enerġija minn sorsi mhux fossili rinnovabbli, jiġifieri riħ, solari (solari termali u solari fotovoltajku) u ġeotermali enerġija, sħana ambjentali, mill-marea, mill-mewġ u enerġija oħra mill-oċeani, idroelettriku, bijomassa, gass mill-miżbla, gass minn impjanti għat-trattament tad-drenaġġ u bijogassijiet;

Emenda

(a) "enerġija minn sorsi rinnovabbli" tfisser l-enerġija minn sorsi rinnovabbli mhux fossili, b' mod partikolari enerġija mir-riħ, mix-xemx (solari termiċi u solari fotovoltajċi) u, enerġija ġeotermika, sħana ambjentali, marea, mewġ u enerġija oħra oċeanika, idroenerġija, bijomassa, gass mill-miżbla, gass minn impjanti għat-trattament tad-drenaġġ, bijogassijiet **u bijometan**;

Ġustifikazzjoni

Fid-definizzjoni ta' enerġija rinnovabbli, huwa meħtieġ li ssir referenza speċifika għall-bijometan, li ma jistax jiġi kopert għalkollox bid-definizzjoni ta' bijogass.

Emenda 31

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) "bijokarburanti" tfisser karburant likwidu għat-trasport prodott mill-bijomassa;

Emenda

(g) "bijokarburanti" tfisser karburant likwidu **jew gassuż** għat-trasport prodott minn bijomassa;

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' bijokarburanti jenħtieġ li tkopri kemm il-bijokarburanti likwidi kif ukoll daww gassużi.

Emenda 32

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni

(q) "materjal ċellulożiku mhux tal-ikel" tfisser materja prima prinċipalment magħmula minn ċelluloża u emiċelluloża, u b'kontenut aktar baxx ta' linjin minn materjal linjoċellulożiku; hija tinkludi residwi tal-ikel u tal-għalla tal-ikel (bħal tibien, magħlef, ħlief u qxur), għelejjel tal-enerġija ta' ħaxix **b'kontenut baxx ta' lamtu** (bħal sikrana, switchgrass, miscanthus, kannamieli kbira **u**, għelejjel ta' kopertura qabel u wara l-għelejjel ewlenin), residwi industrijali (inklużi minn għelejjel għall-ikel u l-għalf wara li żjut veġetali, zokkrijiet, lamti u proteini jkunu ġew estratti), u materjal mill-bijoskart;

Emenda

(q) "materjal ċellulożiku mhux tal-ikel" tfisser materja prima prinċipalment magħmula minn ċelluloża u emiċelluloża, u b'kontenut aktar baxx ta' linjin minn materjal linjoċellulożiku; hija tinkludi residwi tal-ikel u tal-għalla tal-ikel (bħal tibien, magħlef, ħlief u qxur), għelejjel tal-enerġija ta' ħaxix (bħal sikrana, switchgrass, miscanthus, kannamieli kbira) għelejjel ta' kopertura qabel u wara l-għelejjel ewlenin), residwi industrijali (inklużi minn għelejjel għall-ikel u l-għalf wara li żjut veġetali, zokkrijiet, lamti u proteini jkunu ġew estratti), u materjal mill-bijoskart;

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva għandha tinkoraġġixxi l-użu ta' għelejjel tal-enerġija ta' ħaxix b'rendiment għoli (tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, l-iżvilupp tal-bijometan)

Emenda 33

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt aa

Test propost mill-Kummissjoni

(aa) "awtokonsumatur ta' sorsi rinnovabbli" tfisser konsumatur kif tiddefinixxih id-Direttiva [MDI Directive] li **jikkonsma** u **jista' jaħżen** u **jbiegħ** l-elettriku minn sorsi rinnovabbli **li jiġġenera** fil-bini tiegħu, inkluż blokka ta' għadd ta' appartamenti, sit **kondiviż** jew **kummerċjali** jew sistema ta' distribuzzjoni magħluqa, sakemm, fil-każ ta' awtokonsumaturi tas-sorsi rinnovabbli li mhumiex unitajiet domestiċi, dawk l-attivitajiet ma jikkostitwixxux l-attività kummerċjali jew professjonali primarja tagħhom.

Emenda

(aa) "awtokonsumatur ta' sorsi rinnovabbli" tfisser konsumatur kif tiddefinixxih id-Direttiva [MDI Directive] **jew grupp ta' konsumaturi, li jaġixxu flimkien, li jikkonsmaw** u **jistgħu jaħżnu** u **jbigħu** l-elettriku minn sorsi rinnovabbli **prodott** fil-bini tiegħu/**tagħhom**, inkluż blokka ta' għadd ta' appartamenti, sit **kummerċjali** jew **b'servizzi kondiviżi, azjenda agrikola** jew sistema ta' distribuzzjoni magħluqa, sakemm, fil-każ ta' awtokonsumaturi tas-sorsi rinnovabbli li mhumiex unitajiet domestiċi, dawk l-attivitajiet ma jikkostitwixxux l-attività kummerċjali jew professjonali primarja tagħhom;

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni trid tinkludi l-gass rinnovabbli

Emenda 34

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt bb

Test propost mill-Kummissjoni

(bb) "awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli" tfisser il-ġenerazzjoni u l-konsum, u, fejn applikabbli, il-ħażna, ta' **elettriku** minn sorsi rinnovabbli minn konsumaturi ta' sorsi rinnovabbli;

Emenda

(bb) "awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli" tfisser il-ġenerazzjoni u l-konsum, u, fejn applikabbli, il-ħażna, ta' **enerġija** minn sorsi rinnovabbli minn konsumaturi ta' sorsi rinnovabbli;

Emenda 35

Proposta għal direttiva Artikolu 2 - paragrafu 2 - punt dd

Test propost mill-Kummissjoni

(dd) "għelejjel tal-ikel u l-għalf" tfisser għelejjel rikki fil-lamtu, għelejjel taz-zokkrijiet u żejt prodotti fuq art agrikola bħala għelejjel ewlenin bl-esklużjoni tar-residwi u materjal imwarrab jew linjoċellulożiku;

Emenda

(dd) "għelejjel tal-ikel u l-għalf" tfisser għelejjel rikki fil-lamtu, għelejjel taz-zokkrijiet u żejt prodotti fuq art agrikola bħala għelejjel ewlenin bl-esklużjoni tar-residwi u materjal imwarrab jew linjoċellulożiku; ***L-għelejjel intermedji, bħall-għelejjel sekondarji u l-għelejjel ta' kopertura, mhumiex ikkunsidrati bħala għelejjel ewlenin;***

Emenda 36

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt dda (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(dda) "bijokarburanti bbażati fuq għelejjel sostenibbli ħafna" tfisser bijokarburanti li:

- ***huma prodotti minn ċereali, għelejjel oħra li fihom ħafna lamtu, għelejjel taz-zokkrijiet u taż-żejt, għelejjel tal-legumi, u***
- ***jiffrankaw mill-inqas 65 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra meta jitqabblu mal-karburanti fossili skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 28(1), u***
- ***jiġġeneraw proteini b'ħafna valur, għalf ieħor tal-annimali jew prodotti sekondarji ċellulożiċi, u***
- ***huma prodotti minn materja prima miksuba f'konformità mar-rekwiżiti u l-istandards stabbiliti fl-Artikolu 93 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} inkluż impatt limitat fuq l-ikel, id-***

disponibilità tal-ilma u l-bijodiversità u l-preżervazzjoni tal-ekwilibriju tal-ekosistemi u ta' kwalità tal-ħamrija tajba, jew ekwivalenti jekk huma importati minn pajjiżi terzi. in

1^a Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

Ġustifikazzjoni

Il-bijokarburanti bbażati fuq l-għelejjel li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 26(7) u mill-materja prima prodotta skont ir-regoli stretti dwar il-kundizzjonalità tal-Politika Agrikola Komuni, li tiġġenera prodotti sekondarji ta' valur, jenħtieġ li ma jgħoddux fir-rigward tal-limitu massimu fl-Artikolu 3 u l-Artikolu 7.

Emenda 37

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt jj

Test propost mill-Kummissjoni

(jj) "permess tal-ħsad" tfisser **dokument** uffiċjali li **jagħti d-dritt li** tinħasad il-bijomassa tal-foresta;

Emenda

(jj) "permess tal-ħsad" tfisser **dritt** uffiċjali li tinħasad il-bijomassa tal-foresta **abbażi ta' leġiżlazzjoni tal-Istati Membri;**

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċirkostanzi nazzjonali jiddefinixxu kif jingħata d-dritt legali għall-ħsad. Xi Stati Membri ma jagħtux dokumenti uffiċjali lill-operaturi, iżda minflok jawtorizzaw il-ħsad b'mezzi oħra. F'dan is-sens, it-terminu "dokument uffiċjali" huwa ambigwu wkoll u għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-ħsad dejjem jenħtieġ li jkun soġġett għal kundizzjonijiet legali. It-test legali jenħtieġ li jirrifletti din id-diversità ta' prattiki.

Emenda 38

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt nn

Test propost mill-Kummissjoni

(nn) "bijoskart" tfisser *skart tal-ġonna jew il-parks, skart tal-ikel u tal-kċina mill-unitajiet domestiċi, ir-ristoranti, il-caterers u l-postijiet tal-bejgħ, u skart simili mill-industrija tal-ipproċessar tal-ikel;*

Emenda

(nn) "bijoskart" tfisser *bijoskart kif definit fil-punt 4 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a};*

^{1a} Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fil-leġiżlazzjoni tal-UE, huwa essenzjali li ssir referenza għad-definizzjonijiet rispettivi f'partijiet oħra rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Emenda 39

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt qqa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(qq a) "*bijometan*" tfisser *gass rinnovabbli bl-istess karatteristiċi fiżiċi bħal gass naturali u li joħroġ mit-titjib ta' bijogass prodott mid-diġestjoni anerobika jew mill-elettriku għall-gass permezz ta' titjib;*

Ġustifikazzjoni

Fid-definizzjoni ta' enerġija rinnovabbli, huwa meħtieġ li ssir referenza speċifika għall-bijometan, li ma jistax jiġi kopert għalkollox bid-definizzjoni ta' bijogass.

Emenda 40

**Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt qqb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(qqb) "prodott sekondarju" għandha tkun definita bħalma hi definita fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva /2017 li temenda d-Direttiva 2008/98/KE.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jinkisbu aktar armonizzazzjoni u simplifikazzjoni tal-qafas legali u għaldaqstant ċertezza legali, jeħtieġ tkun żgurata koerenza bejn id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u atti leġislattivi relatati oħrajn tal-UE. Għalhekk, sabiex tissaħħaħ aktar interpretazzjoni koerenti u l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u leġislazzjoni rilevanti oħra tal-UE, għandhom jiġu introdotti referenzi għad-definizzjoni ta' "prodott sekondarju" kif stabbilit fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart.

Emenda 41

**Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt qqc (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(qqc) "Ġerarkija tal-iskart" għandha tkun definita bħalma hi definita fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva... /2017 li temenda d-Direttiva 2008/98/KE.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jinkisbu aktar armonizzazzjoni u simplifikazzjoni tal-qafas legali u għaldaqstant ċertezza legali, jeħtieġ tkun żgurata koerenza bejn id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u atti leġislattivi relatati oħrajn tal-UE. Għalhekk, sabiex tissaħħaħ aktar interpretazzjoni koerenti u l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u leġislazzjoni rilevanti oħra tal-UE, għandhom jiġu introdotti referenzi għad-definizzjoni ta' "ġerarkija tal-iskart" kif stabbilit fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart.

Emenda 42

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom kollettivament jiżguraw li ***l-parti tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030 tkun ta' mill-inqas 27%***.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom kollettivament jiżguraw li:

(a) ***is-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030 ikun ta' mill-inqas 27%***;

(b) ***il-kontribut mill-bijokarburanti u l-bijolikwidi, kif ukoll mill-karburanti mill-bijomassa użati fit-trasport, jekk jiġu prodotti mill-għelejjel tal-ikel jew tal-għalf, ma jkunx aktar mil-limitu stabbilit fl-Artikolu 7(1) għall-kalkolu tal-konsum finali gross tal-Unjoni tal-enerġija fit-trasport fl-2030; kif ukoll***

(c) ***L-Istati Membri għandhom kollettivament jiżguraw li s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport għall-UE b'mod ġenerali jkun jammonta għal mill-inqas 12 % tal-konsum finali tal-enerġija fit-trasport fl-2030.***

Emenda 43

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Mill-1 ta' Jannar **2020** 'il quddiem, il-parti tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli mill-konsum finali gross tal-enerġija ta' kull Stat Membru ma għandhiex tkun anqas minn dak li jidher fit-tielet kolonna tat-tabella fil-Parti A tal-Anness I. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw l-konformità ma' din il-linja ta' bażi.

Emenda

3. Mill-1 ta' Jannar **2021** 'il quddiem, il-parti tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli mill-konsum finali gross tal-enerġija ta' kull Stat Membru ma għandhiex tkun anqas minn dak li jidher fit-tielet kolonna tat-tabella fil-Parti A tal-Anness I. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw l-konformità ma' din il-linja ta' bażi, ***u dan għandu jinkludi:***

(a) *l-użu ta' bijokarburanti li huma ġġenerati waqt l-ipproċessar ta' konċentrat ta' proteini ta' valur għoli, prodotti sekondarji oħra tal-għalf jew ċellulożiċi li jappoġġjaw l-għanijiet tas-sigurtà alimentari u t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'bażi bijoloġika u ċirkolari fl-Unjoni; kif ukoll*

(b) *l-eliminazzjoni gradwali tal-użu taż-żjut veġetali fil-bijokarburanti u l-bijolikwidi li jixprunaw tibdiliet fl-użu tal-art, deforestazzjoni u emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra f'pajjiżi terzi.*

Emenda 44

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha tappoġġja l-ambizzjoni għolja tal-Istati Membri permezz ta' qafas abilitanti li jikkonsisti fl-użu mtejjeb tal-fondi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-istrumenti finanzjarji, speċjalment fid-dawl tat-tnaqqis tal-ispejjeż tal-kapital għal proġetti tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha tappoġġja l-ambizzjoni għolja tal-Istati Membri permezz ta' qafas abilitanti li jikkonsisti fl-użu mtejjeb tal-fondi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-istrumenti finanzjarji, speċjalment fid-dawl tat-tnaqqis tal-ispejjeż tal-kapital għal proġetti tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli **u bijoraffineriji avvanzati.**

Emenda 45

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Suġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni ffissata fl-Artikolu 3(1), l-Istati Membri jistgħu japplikaw għal skemi ta' appoġġ. L-iskemi ta' appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli għandhom jitfasslu

Emenda

1. Suġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni ffissata fl-Artikolu 3(1), l-Istati Membri jistgħu japplikaw għal skemi ta' appoġġ. L-iskemi ta' appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli għandhom jitfasslu

b'mod li jevita distorzjonijiet bla bżonn tas-swieq tal-elettriku u li jiżgura li l-produtturi jqisu l-provvista u ***d-domand*** tal-elettriku kif ukoll ***il-limiti possibbli tal-grilja***.

b'mod li jevita distorzjonijiet bla bżonn tas-swieq tal-elettriku u li jiżgura li l-produtturi jqisu l-provvista u ***d-domanda*** tal-elettriku u ***l-limiti possibbli tal-grilja***. ***L-Istati Membri jistgħu jqisu l-partikolaritajiet tal-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll is-sitwazzjoni ta' unitajiet domestiċi bi dħul baxx. L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi ta' teknoloġiji differenti tal-enerġija rinnovabbli fit-tfassil ta' skemi ta' appoġġ.***

Emenda 46

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli għandu jitfassal b'mod li jintegra l-elettriku minn sorsi rinnovabbli fis-suq tal-elettriku u jiżgura li l-produtturi tal-enerġija rinnovabbli ***qed iwieġbu għas-sinjali tal-prezz*** tas-suq u ***jimmassimizzaw*** l-introjti tagħhom mis-suq.

Emenda

2. L-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli għandu jitfassal b'mod li jintegra l-elettriku minn sorsi rinnovabbli fis-suq tal-elettriku, ***filwaqt li jitqiesu l-partikolaritajiet tal-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u s-sitwazzjoni ta' unitajiet domestiċi bi dħul baxx. Dan l-approċċ għandu*** jiżgura li l-produtturi tal-enerġija rinnovabbli ***jirreaġixxu għal sinjali tal-prezzijiet*** tas-suq u ***jimmassimizza*** l-introjti tagħhom mis-suq. ***Għal unitajiet ta' koġenerazzjoni rinnovabbli, l-iskemi ta' appoġġ għandhom iqisu wkoll id-domanda termali.***

Emenda 47

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-Istati Membri jista' jkollhom skemi ta' appoġġ għal żmien limitat li jikkostitwixxu eżenzjoni b'rabta mal-paragrafu 3 għal impjanti fuq skala żgħira u għal każijiet fejn hi dokumentata kompetizzjoni insuffiċjenti. L-appoġġ skont il-paragrafu 2 jista' jkun limitat għal installazzjonijiet li jaqbżu l-limiti stabbiliti fl-Artikolu 11 tar-Regolament dwar is-Suq tal-Elettriku.

Emenda 48

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-effettività tal-appoġġ tagħhom għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli tal-anqas darba kull erba' snin. ***Id-deċiżjonijiet dwar il-kontinwazzjoni jew il-prolongazzjoni*** tal-appoġġ u t-tfassil ta' appoġġ ġdid ***għandhom jissejsu*** fuq ir-riżultati tal-valutazzjonijiet.

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-effettività tal-appoġġ tagħhom għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli tal-anqas darba kull erba' snin. ***Il-valutazzjoni għandha wkoll tqis l-effett fuq l-investment u l-effett li bidliet possibbli fl-iskemi ta' appoġġ jista' jkollhom fuq l-investimenti. L-ippjanar fit-tul li jiggverna d-deċiżjonijiet*** tal-appoġġ u t-tfassil ta' appoġġ ġdid ***għandu jkun imsejjes*** fuq ir-riżultati tal-valutazzjonijiet.

Emenda 49

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

4a. Kull tliet snin il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tar-regoli relatati mal-iskemi ta' appoġġ, b'enfasi speċifika fuq l-aċċess ta' atturi żgħar għas-suq, il-livell ta' inċentiv għall-investment u l-appoġġ ta' rata ta' twettiq għolja fit-tul. L-ewwel

Emenda

wieħed minn dawn ir-rapporti għandu jiġi ppreżentat fl-2021 u jirrifletti għalkollox il-linji gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat wara l-2020.

Emenda 50

Proposta għal direttiva Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 5

imħassar

Il-ftuħ tal-iskemi ta' appoġġ għall-elettriku rinnovabbli

- 1. L-Istati Membri għandhom jiftħu l-appoġġ għall-elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli lil ġeneraturi li jinsabu fi Stati Membri oħra taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*
- 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ għal tal-anqas 10 % tal-kapaċità ġdida appoġġjata f'kull sena mill-2021 sal-2025 u tal-anqas 15 % tal-kapaċità ġdida appoġġjata f'kull sena mill-2026 sal-2030 jkun miftuħ għal stallazzjonijiet li jinsabu fi Stati Membri oħrajn.*
- 3. L-iskemi ta' appoġġ jistgħu jinfetħu għall-parteċipazzjoni transkonfinali permezz, fost oħrajn, ta' offerti miftuħa, offerti konġunti, skemi ta' ċertifikati miftuħa jew skemi ta' appoġġ konġunt. L-allokkazzjoni tal-elettriku rinnovabbli li jibbenefika minn appoġġ taħt offerti miftuħa, offerti konġunti jew skemi ta' ċertifikati miftuħa lejn kontribuzzjonijiet rispettivi tal-Istati Membri għandha tkun suġġetta għal ftehim ta' kooperazzjoni li jiffissa r-regoli għar-rimborż tal-fondi transkonfinali, b'segwiment tal-prinċipju li l-enerġija jeħtieġ li tingħadd lejn l-istallazzjoni tal-*

fondi tal-Istat Membru.

4. Il-Kummissjoni, fl-2025, għandha tivvaluta l-benefiċċji għall-iskjerament kosteffiċjenti tal-elettriku rinnovabbli fl-Unjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tista' tipproponi li żżid il-perċentwali ffissati fil-paragrafu 2.

Emenda 51

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-kalkolu tal-konsum finali gross ta' Stat Membru tal-enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-kontribut mill-bijokarburanti u l-bijolikwidi, kif ukoll mill-karburanti mill-bijomassa kkonsmati fit-trasport, jekk prodotti minn għelejjel tal-ikel jew tal-għalf, m'għandux jaqbeż is-7% tal-konsum finali tal-enerġija għat-trasport **fit-toroq u l-ferroviji** f'dak l-Istat Membru. Dan **il-limiti** għandu jitnaqqas għal 3.8% fl-2030 b'segwiment tal-perkors stipulat fil-parti A tal-Anness X. L-Istati Membri jistgħu jiffissaw limitu aktar baxx u jistgħu jiddistingwu bejn tipi differenti ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa prodotti minn għelejjel tal-ikel u l-għalf, pereżempju billi jiffissaw limitu aktar baxx għall-kontribut mill-bijokarburanti bbażati fuq l-għelejjel mill-ikel u l-għalf, b'qies indirett tal-bidla indiretta fl-użu tal-art.

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Emenda

Mill-1 ta' Jannar 2021, għall-kalkolu tal-konsum finali gross ta' Stat Membru tal-enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-kontribut mill-bijokarburanti u l-bijolikwidi **għajr għal bijokarburanti bbażati fuq għelejjel sostenibbli ħafna** kif ukoll mill-karburanti mill-bijomassa kkonsmati fit-trasport, jekk prodotti minn għelejjel tal-ikel jew tal-għalf, m'għandux jaqbeż is-7 % tal-konsum finali tal-enerġija għat-trasport **bit-triq u bil-ferroviji** f'dak l-Istat Membru. Dan **il-limitu** għandu jitnaqqas għal 3,8 % fl-2030 b'segwiment tal-perkors stipulat fil-parti A tal-Anness X. L-Istati Membri jistgħu jiffissaw limitu aktar baxx u jistgħu jiddistingwu bejn tipi differenti ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa prodotti minn għelejjel tal-ikel u l-għalf, pereżempju billi jiffissaw limitu aktar baxx għall-kontribut mill-bijokarburanti bbażati fuq l-għelejjel mill-ikel u l-għalf, b'qies indirett tal-bidla indiretta fl-użu tal-art.

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mill-1 ta' Jannar 2021, għall-kalkolu tal-konsum finali gross ta' Stat Membru ta' enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-kontribut minn bijokarburanti bbażati fuq għelejjel sostenibbli ħafna għandu jkun ta' mhux aktar minn 7 % tal-konsum finali ta' enerġija fit-trasport bit-triq u bil-ferroviji f'dak l-Istat Membru, apparti l-limitu stabbilit fis-subparagrafu 4.

Emenda 53

Proposta għal direttiva

Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Sabiex jippromwovu l-konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-trasport, l-Istati Membri jistgħu japplikaw skemi ta' appoġġ nazzjonali biex jippromwovu l-użu ta' bijokarburanti sostenibbli, karburanti mill-bijomassa, karburanti tat-trasport likwidi u gassużi rinnovabbli ta' orġini mhux bijoloġika irrispettivament minn jekk dawn humiex prodotti minn materji primi elenkati fl-Anness IX jew minn materji primi oħra, li mhumiex għelejjel tal-ikel jew tal-ġhalf.

Ġustifikazzjoni

F'Lulju 2016, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet miri nazzjonali vinkolanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fis-settur mhux tal-ETS. Għal xi Stati Membri, miri ambizzjużi għat-tnaqqis jistgħu joħolqu l-ħtieġa li jiġu introdotti obbligi kbar ħafna ta' enerġija rinnovabbli jew miżuri oħrajn sabiex jippromwovu l-bijokarburanti sostenibbli sabiex jilħqu l-miri tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mhux tal-ETS. Il-bijokarburanti bbażati esklużivament fuq il-materji primi tal-Anness IX ma jistgħux ikopru din id-domanda.

Emenda 54

Proposta għal direttiva

Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 32 biex temenda l-lista ta' materja prima fil-partijiet A u B tal-Anness IX **sabiex iżżid materja prima, iżda mhux biex tneħħiha**. Kull att delegat għandu jkun ibbażat fuq analiżi tal-progress xjentifiku u tekniku l-aktar reċenti, b'kont debitu meħud tal-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE, b'mod konformi mal-kriterji tas-sostenibilità tal-Unjoni, u li **jappoġġa** l-konklużjoni li l-materja prima inkwistjoni ma toħloqx domanda addizzjonali għall-art u tħeġġeġ l-użu tal-iskart u r-residwi filwaqt li tevita effetti distorsivi sinifikanti fuq is-swieq għal prodotti (sekondarji), skart jew residwi, li tipprovdi tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra meta mqabbla ma' karburanti fossili, u li ma toħloqx impatti negattivi fuq l-ambjent u l-bijodiversità.

Emenda

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 32 biex temenda l-lista ta' materja prima fil-partijiet A u B tal-Anness IX. Kull att delegat għandu jkun ibbażat fuq analiżi tal-progress xjentifiku u tekniku l-aktar reċenti, b'kont debitu meħud tal-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE, b'mod konformi mal-kriterji tas-sostenibilità tal-Unjoni, u li jappoġġa l-konklużjoni li l-materja prima inkwistjoni ma toħloqx domanda addizzjonali għall-art u tħeġġeġ l-użu tal-iskart u r-residwi filwaqt li tevita effetti distorsivi sinifikanti fuq is-swieq għal prodotti (sekondarji), skart jew residwi, li tipprovdi tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra meta mqabbla ma' karburanti fossili, u li ma toħloqx impatti negattivi fuq l-ambjent u l-bijodiversità.

Ġustifikazzjoni

Il-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-enerġija rinnovabbli għandha tiggarrantixxi wkoll l-konformità mal-użu kaskata tar-riżorsi.

Emenda 55

Proposta għal direttiva

Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Kull sentejn (2), il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni tal-lista ta' materji prima fil-partijiet A u B tal-Anness IX ħalli iżżid, il-materji prima, b'konformità mal-prinċipji ffissati f'dan il-paragrafu.

Emenda

imħassar

L-ewwel valutazzjoni għandha sseħħ mhux aktar tard minn sitt (6) xhur wara [date of entry into force of this Directive]. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ddelegati biex temenda l-lista ta' materji prima fil-partijiet A u B tal-Anness IX sabiex iżżid materji prima, iżda mhux biex tneħħihom.

Ġustifikazzjoni

Il-modifika tal-Anness IX jenħtieġ li tkun kompetenza tal-PE u tal-Kunsill u mhux tal-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-bidla fir-regoli u l-evitar ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni jistgħu jibagħtu messaġġ negattiv lill-investituri. Jenħtieġ li wieħed jitgħallem mill-esperjenza b'rabta mal-leġiżlazzjoni eżistenti fl-ilħuq tal-miri 2020 UE RES fis-settur tat-trasport.

Emenda 56

**Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-kontribut tal-karburanti għat-trasport mill-materja prima li jikkawżaw effetti mhux sostenibbli, bħad-deforestazzjoni fil-pajjiżi terzi, u d-derivattivi tagħhom fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-trasport għandu jiġi mminimizzat sakemm jiġu stabbiliti politiki ta' prevenzjoni effikaċi korrispondenti. Dawn il-miżuri f'pajjiżi terzi għandhom jiġu evalwati abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni ladarba dawn ikunu fis-seħħ.

Emenda 57

**Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 8**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8. L-Istati Membri għandhom iwettqu **valutazzjoni** tal-potenzjal tagħhom ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u tal-użu tas-sħana u l-kesħa mormija għat-tisħin u t-tkessiħ.

8. L-Istati Membri għandhom iwettqu **valutazzjoni** tal-potenzjal tagħhom ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli **li jenħtieġ li tinkludi analiżi spazjali taż-żoni adegwati**

Dik il-valutazzjoni għandha tiġi inkluża fit-tieni valutazzjoni komprensiva meħtieġa skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2012/27/UE għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru 2020 u fl-aġġornamenti tal-valutazzjonijiet komprensivi wara dan.

għall-iskjerament b'riskju ekoloġiku żgħir u l-potenzjal tal-użu tas-sħana u l-kesħa mormija għat-tiħin u t-tkessiħ. Dik il-valutazzjoni għandha tiġi inkluża fit-tieni valutazzjoni komprensiva meħtieġa skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2012/27/UE għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru 2020 u fl-aġġornamenti tal-valutazzjonijiet komprensivi wara dan.

Emenda 58

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-punt ta' kuntatt amministrattiv singulari għandu jiggwida lill-applikant tul il-proċess tal-applikazzjoni b'mod trasparenti, jipprovdi lill-applikant bl-informazzjoni neċessarja kollha, jikkoordina u jinvolvi, fejn jixraq, awtoritajiet oħra, u **jagħti** deċiżjoni vinkolanti bil-liġi **ma' tmiem il-proċess**.

Emenda

2. Il-punt ta' kuntatt amministrattiv singulari għandu jiggwida lill-applikant tul il-proċess tal-applikazzjoni b'mod trasparenti, jipprovdi lill-applikant bl-informazzjoni neċessarja kollha, jikkoordina u jinvolvi, fejn jixraq, awtoritajiet oħra, u **jiffaċilitaw il-proċess bil-għan li l-applikant jirċievi** deċiżjoni vinkolanti bil-liġi. **L-applikanti għandhom ikunu jistgħu jissottomettu d-dokumenti rilevanti kollha f'forma diġitali.**

Emenda 59

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. **Il-punt** ta' kuntatt amministrattiv singulari, **b'kollaborazzjoni mal-operaturi** tas-sistemi tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni, għandu **jippubblika manwal tal-proċeduri** għall-iżviluppaturi tal-proġetti tar-rinnovabbli, inklużi proġetti fuq skala żgħira u proġetti tar-rinnovabbli minn awtokonsumaturi.

Emenda

3. **L-Istat Membru, b'kollaborazzjoni mal-punt** ta' kuntatt amministrattiv singulari, **l-operaturi** tas-sistemi tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni, għandu **jistabilixxi pjattaforma unika tal-informazzjoni online bl-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-proċeduri** għall-iżviluppaturi tal-proġetti tar-rinnovabbli, inklużi proġetti fuq skala żgħira u proġetti tar-rinnovabbli minn awtokonsumaturi. **Jekk l-Istat Membru jiddeċiedi li jkollu**

aktar minn punt ta' kuntatt amministrattiv singulari wieħed il-pjattaforma tal-informazzjoni għandha tiggwida l-applikant biex jikkuntattja l-punt ta' kuntatt rilevanti għall-applikazzjoni tal-applikant.

Emenda 60

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-proċess li jagħti l-permess imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandux jaqbeż it-tliet snin, ħlief fil-każijiet stipulati fl-Artikolu 16(5) u l-Artikolu 17.

Emenda

4. Il-proċess li jagħti l-permess imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandux jaqbeż it-tliet snin, ħlief fil-każijiet stipulati fl-Artikolu 16(5) u l-Artikolu 17. ***L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex inaqqsu ż-żmien għall-proċess ta' għoti taħt il-limitu stabbilit f'dan il-paragrafu b'mod speċjali għal installazzjonijiet fuq skala żgħira.***

Emenda 61

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-repowering għandu jitħalla wara notifika lill-punt ta' kuntatt amministrattiv singulari stabbilit ***skont l-Artikolu*** 16, fejn l-ebda impatt ambjentali jew soċjali negattiv sinifikanti mhu mistenni. Il-punt ta' kuntatt amministrattiv singulari għandu jiddeċiedi fi żmien sitt xhur minn meta tassallu n-notifika ***jekk din hix suffiċjenti.***

Emenda

Ir-repowering għandu jitħalla wara notifika lill-punt ta' kuntatt amministrattiv singulari stabbilit ***skont l-Artikolu*** 16, ***fejn il-konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE dwar l-Istima tal-Impatt Ambjentali u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tkun ġiet żgurata, u*** fejn l-ebda impatt ambjentali jew soċjali negattiv sinifikanti mhu mistenni. Il-punt ta' kuntatt amministrattiv singulari għandu jiddeċiedi fi żmien sitt xhur minn meta tassallu n-notifika.

Ġustifikazzjoni

Dan jgħin jiżgura li r-repowering f'siti eżistenti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli tkun

għadha konformi mal-leġiżlazzjoni ambjentali u soġġetta għal skrutinju.

Emenda 62

Proposta għal direttiva

Artikolu 19 – paragrafu 7 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

It-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra jista' jiġi speċifikat.

Ġustifikazzjoni

Xi produttori jaqbz u t-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra - il-kwalità tal-bijometan irid jiġi indikat għall-konsumaturi.

Emenda 63

Proposta għal direttiva

Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Soġġett għal evalwazzjoni tagħhom inkluża fil-pjanijiet integrati nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima skont l-Anness I tar-Regolament [Governance], dwar in-neċessità li tinbena infrastruttura ġdida għat-tiġn u t-tkessiġ distrettwali prodotti minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli bil-għan li tinkiseb il-mira tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun rilevanti, jieħdu passi bil-għan li tkun żviluppata infrastruttura distrettwali għat-tiġn sabiex takkomoda l-iżvilupp tal-produzzjoni tat-tiġn u t-tkessiġ minn faċilitajiet kbar tal-bijomassa, solari u ġeotermali.

3. Soġġett għal evalwazzjoni tagħhom inkluża fil-pjanijiet integrati nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima skont l-Anness I tar-Regolament [Governance], dwar in-neċessità li tinbena infrastruttura ġdida għat-tiġn u t-tkessiġ distrettwali prodotti minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli bil-għan li tinkiseb il-mira tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun rilevanti, jieħdu passi bil-għan li tkun żviluppata infrastruttura distrettwali għat-tiġn sabiex takkomoda l-iżvilupp tal-produzzjoni tat-tiġn u t-tkessiġ minn faċilitajiet kbar tal-bijomassa, solari u ġeotermali ***u s-sħana u l-kesħa mormija.***

Emenda 64

Proposta għal direttiva

Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri jistgħu jiżguraw li l-awtokonsumaturi tar-rinnovabbli li jgħixu fl-istess blokka b'għadd ta' appartamenti, jew li jinsabu fl-istess sistema magħluqa tad-distribuzzjoni ***jew sit jew servizz kondiviż kummerċjali***, jitħallew jidħlu għal awtokonsum konġunt daqslikieku kienu awtokonsumatur tar-rinnovabbli individwali. F'dan il-każ, ***il-limiti*** stipulat fil-paragrafu 1(c) għandu japplika għal kull awtokonsumatur tar-rinnovabbli kkonċernat.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtokonsumaturi tar-rinnovabbli li jgħixu fl-istess blokka b'għadd ta' appartamenti, jew li jinsabu fl-istess ***servizzi, sit jew*** sistema magħluqa tad-distribuzzjoni ***agrikoli, kummerċjali jew kondiviżi***, jitħallew jidħlu għal awtokonsum konġunt daqslikieku kienu awtokonsumatur tar-rinnovabbli individwali. F'dan il-każ, ***il-limitu*** stipulat fil-paragrafu 1(c) għandu japplika għal kull awtokonsumatur tar-rinnovabbli kkonċernat.

Ġustifikazzjoni

Il-bdiewa huma awtokonsumaturi importanti tal-enerġija rinnovabbli

Emenda 65

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, komunità tal-enerġija rinnovabbli għandha tkun SME jew organizzazzjoni mhux intiża għall-profitt, li ***s-sidien tal-ishma*** jew il-membri tagħha jikkooperaw fil-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni, il-ħażna jew il-forniment tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ***filwaqt*** li ***jissodisfaw*** tal-anqas erba' mill-kriterji li ġejjin:

Emenda

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, komunità tal-enerġija rinnovabbli għandha tkun SME ***bbażata lokalment*** jew organizzazzjoni mhux intiża għall-profitt ***ibbażata lokalment***, li ***l-azzjonisti*** jew il-membri tagħha jikkooperaw fil-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni, il-ħażna jew il-forniment tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, li ***fil-biċċa l-kbira tirrappreżenta interessi lokali u tissodisfa*** tal-anqas erba' mill-kriterji li ġejjin:

Emenda 66

Proposta għal direttiva

Artikolu 25 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. L-Istati Membri għandhom

kollettivament jiżguraw li s-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-forom kollha ta' trasport jiżdied gradwalment għal tal-anqas 12 % fl-2030, espress f'termini tas-sehem nazzjonali tal-konsum tal-enerġija finali u kkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 7. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu miri nazzjonali aktar ambizzjużi. Huma jibqgħu liberi li jagħżlu bejn sorsi differenti ta' enerġija, inklużi l-bijokarburanti sostenibbli biex jintlaħqu dawn il-miri.

Emenda 67

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

B'effett mill-1 ta' Jannar 2021, l-Istati Membri għandhom *jeżiġu li l-fornituri* tal-karburanti *li jinkludu sehem minimu* ta' enerġija minn bijokarburanti avvanzati u bijogass *u bijokarburanti oħra* prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX, minn karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' orijini mhux bijoloġika, *minn karburanti fossili bbażati fuq l-iskart* u minn elettriku rinnovabbli fl-ammont totali ta' karburanti għat-trasport li huma jfornu għall-konsum jew għall-użu fis-suq matul sena kalendarja.

Emenda

B'effett mill-1 ta' Jannar 2021, l-Istati Membri għandhom *jistabbilixxu l-obbligu tal-inkorporazzjoni* tal-karburanti *għall-fornituri tal-karburanti* ta' enerġija *rinnovabbli* minn *bijokarburanti*, bijokarburanti avvanzati u bijogass prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX, minn karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' orijini mhux bijoloġika, *u minn elettriku rinnovabbli* fl-ammont totali ta' karburanti għat-trasport li huma jfornu għall-konsum jew għall-użu fis-suq matul sena kalendarja.

L-Istati Membri jistgħu japplikaw obbligu ta' inkorporazzjoni għall-bijokarburanti prodotti minn għelejjel. Għal dawn tal-aħħar, l-Istati Membri għandhom ikunu permessi jimplimentaw miżuri ta' inċentiv li jiffavorixxu l-użu tagħhom, pereżempju billi jistabbilixxu obbligu speċifiku ta' inkorporazzjoni fi ħdan il-limitu stabbilit fl-Artikolu 7.

Emenda 68

Proposta għal direttiva

Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Is-sehem minimu għandu jkun tal-anqas ugwali għal 1,5 % fl-2021, u jiżdied sa mill-inqas 6,8 % fl-2030, b'segwiment tal-perkors stabbilit fil-parti B tal-Anness X. F'dan is-sehem totali, il-kontribuzzjoni tal-bijokarburanti avvanzati u l-bijogass prodott minn materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX għandha tkun ta' mill-inqas 0,5 % tal-karburanti tat-trasport fornuti għall-konsum jew l-użu fis-suq mill-1 ta' Jannar 2021, u tiżdied sa mill-inqas 3,6 % sal-2030, b'segwiment tal-perkors stipulat fil-Parti C tal-Anness X.

Emenda

Is-sehem minimu **ta' bijokarburanti avvanzati u bijogass prodotti minn materja prima elenkata fl-Anness IX, minn karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, minn bijokarburanti bbażati fuq għelejjel sostenibbli ħafna u mill-elettriku rinnovabbli** għandu jkun tal-anqas ugwali għal 1,5 % fl-2021, u jiżdied sa mill-inqas 8,3 % fl-2030, b'segwiment tal-perkors stabbilit fil-Parti B tal-Anness X. F'dan is-sehem totali, il-kontribuzzjoni tal-bijokarburanti avvanzati u l-bijogass prodott minn materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX għandha tkun ta' mill-inqas 0,5 % tal-karburanti tat-trasport fornuti għall-konsum jew l-użu fis-suq mill-1 ta' Jannar 2021, u tiżdied sa mill-inqas 4,6 % sal-2030, b'segwiment tal-perkors stipulat fil-Parti C tal-Anness X.

Emenda 69

Proposta għal direttiva

Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

a) għall-kalkolu tad-denominatur, jiġifieri l-kontenut enerġetiku tal-karburanti għat-trasport **bit-triq u bil-ferrovija** fornuti għal konsum jew użu fis-suq, għandhom jiġu kkunsidrati l-petrol, id-diżil, il-bijokarburanti, il-gass naturali, il-bijogass, il-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, l-elettriku u l-karburanti fossili bbażati fuq l-iskart;

Emenda

a) għall-kalkolu tad-denominatur, jiġifieri l-kontenut enerġetiku tal-karburanti għat-trasport fornuti għal konsum jew użu fis-suq, għandhom jiġu kkunsidrati l-petrol, id-diżil, il-bijokarburanti, il-gass naturali, il-bijogass, il-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, l-elettriku u l-karburanti fossili bbażati fuq l-iskart;

Ġustifikazzjoni

Id-denominatur jenħtieġ li jqis is-settur tat-trasport kollu bħala numeratur.

Emenda 70

Proposta għal direttiva

Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt b – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

għall-kalkolu tan-numeratur, tal-kontenut ta' enerġija ta' bijokarburanti avvanzati u bijogass u bijokarburanti oħra prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX, għandhom jiġu kkunsidrati l-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, **karburanti fossili bbażati fuq l-iskart** fornuti lis-setturi kollha tat-trasport, u l-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli għall-vetturi tat-triq.

Emenda

għall-kalkolu tan-numeratur, tal-kontenut ta' enerġija ta' bijokarburanti avvanzati u bijogass u bijokarburanti oħra prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX, għandhom jiġu kkunsidrati l-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika fornuti lis-setturi kollha tat-trasport, u l-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli għall-vetturi tat-triq.

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni ta' kwalunkwe tip ta' karburant fossili prodott mingħajr l-użu ta' ebda enerġija rinnovabbli fil-kalkolu tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli mhijiex adegwata. Jekk isir hekk, il-karburanti fossili jsiru aktar kompetittivi u b'hekk imur kontra l-mira kumplessiva tal-klima u tal-enerġija rigward it-tnaqqis fl-użu ta' sorsi tal-enerġija fossili.

Emenda 71

Proposta għal direttiva

Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt b – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-kalkolu tan-numeratur, il-kontribut mill-bijokarburanti u l-bijogass prodott minn materja prima, inklużi fil-Parti B tal-Anness IX għandu jkun limitat għal **1,7** % tal-kontenut ta' enerġija ta' karburanti tat-trasport fornuti għall-konsum jew l-użu fis-suq u l-kontribut tal-karburanti fornuti fis-setturi tal-avjazzjoni u tat-trasport bil-baħar għandu jitqies li jkun 1,2 darbiet daqs il-kontenut tal-enerġija tagħhom.

Emenda

Għall-kalkolu tan-numeratur, il-kontribut mill-bijokarburanti u l-bijogass prodott minn materja prima, inklużi fil-Parti B tal-Anness IX għandu jkun limitat għal **4** % tal-kontenut ta' enerġija ta' karburanti tat-trasport fornuti għall-konsum jew l-użu fis-suq u l-kontribut tal-karburanti fornuti fis-setturi tal-avjazzjoni u tat-trasport bil-baħar għandu jitqies li jkun 1,3 darbiet daqs il-kontenut tal-enerġija tagħhom. **L-użu ta' materja prima inkluża fil-parti B tal-**

**Anness IX jrid josserva l-prinċipju tal-
ġerarkija tal-iskart kif stabbilit fl-
Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE.**

Ġustifikazzjoni

Il-kontribut mill-bijokarburanti u l-bijogass prodotti minn materji primi inklużi fil-Parti B tal-Anness IX jenħtieġ li jkun aktar ambizzjuż u limitat għal 4 % tal-kontenut ta' enerġija ta' karburanti tat-trasport fornuti għall-konsum jew l-użu fis-suq. Il-kontribut mill-bijokarburanti u l-bijogass fis-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu jenħtieġ li jiġi motivat ukoll.

Emenda 72

**Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Fl-istabbiliment tas-sistemi nazzjonali tagħhom l-Istati Membri għandhom iqisu d-disponibbiltà ta' materji primi, teknoloġiji u prodotti rrappurtati fir-rapporti ta' progress biennali tagħhom skont ir-Regolament [Governance].

Emenda 73

**Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – paragrafu 2b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Mill-1 ta' Jannar 2021, l-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-fornituri tal-karburanti jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija mill-karburant u l-enerġija fornuta b'sa 20 % sal-31 ta' Diċembru 2030, meta mqabbla mal-istandard tal-linja ta' bażi għall-karburanti msemmi fid-Direttiva (UE) 2015/652^{1a}.

^{1a} Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 tal-20 ta' April 2015 li tistabbilixxi l-

metodi ta' kalkolu u r-rekwiżiti ta' rappurtar skont id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil (ĠU L 107, 25.4.2015, p. 26).

Ġustifikazzjoni

Il-mira ambizzjuża relatata mat-tnaqqis fl-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-karburanti sa 20 % sal-2030 hija ġustifikata billi jitqies l-iffrankar sostanzjali tal-gassijiet b'effett ta' serra minn bijokarburanti bbażati fuq l-għelejjel diġà stabbiliti kif ukoll dħul fis-suq aktar qawwi ta' bijokarburanti avanzati u enerġiji rinnovabbli alternattivi fit-trasport. L-obbligu li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra minn karburanti bbażati fuq fornituri tal-karburanti wera li huwa għodda effettiva għal effiċjenza klimatika akbar.

Emenda 74

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Sabiex jiġi ddeterminat is-sehem tal-elettriku rinnovabbli għall-finijiet tal-paragrafu 1, jista' jintuża ***jew is-sehem medju tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni inkella*** s-sehem tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli fl-Istat Membru fejn jiġi fornut l-elettriku, kif imkejjejl sentejn qabel is-sena inkwistjoni. Fiż-żewġ każijiet, għandu jiġi kkanċellat ammont ekwivalenti ta' garanziji tal-orġini maħruġa skont l-Artikolu 19.

Emenda

Sabiex jiġi ddeterminat is-sehem tal-elettriku rinnovabbli għall-finijiet tal-paragrafu 1, jista' jintuża s-sehem tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli fl-Istat Membru fejn jiġi fornut l-elettriku, kif imkejjejl sentejn qabel is-sena inkwistjoni. ***Sakemm l-addizzjonalità tal-elettriku tista' tiġi ppruvata, l-elettriku għalkollox minn sorsi rinnovabbli jista' jiġi kkontabilizzat bħala tali. Il-Kummissjoni għandha tippovdi gwida sabiex tiġi stabbilita l-proċedura biex tiġi ppruvata l-addizzjonalità.*** Fiż-żewġ każijiet, għandu jiġi kkanċellat ammont ekwivalenti ta' garanziji tal-orġini maħruġa skont l-Artikolu 19.

Emenda 75

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 3 – subparagrafu 3 – punt a – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-elettriku jintuża għall-produzzjoni

Emenda

Meta l-elettriku jintuża għall-produzzjoni

ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi jew gassużi ta' orġini mhux bijoloġika, ***sew*** direttament ***jew inkella għall-produzzjoni ta' prodotti intermedji***, tista' tintuża, biex jiġi ddeterminat is-sehem tal-enerġija rinnovabbli, ***jew*** il-medja tas-sehem tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli ***fl-Unjoni inkella s-sehem tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli f'pajjiż*** tal-produzzjoni, kif imkejjejl sentejn qabel is-sena inkwistjoni. Fiż-żewġ każijiet, għandu jiġi kkanċellat ammont ekwivalenti ta' garanziji tal-orġini maħruġa skont l-Artikolu 19.

Emenda 76

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu bażi tad-dejta li tippermetti t-traċċar ta' karburanti tat-trasport li huma eliġibbli għall-għadd biex jintlaħaq in-numeratur stipulat fil-paragrafu 1(b), u jirrikjedu lill-operaturi ekonomiċi rilevanti biex jipprovdu l-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet li jkunu saru u dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà għall-karburanti eliġibbli, inklużi l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tul iċ-ċiklu ta' ħajjithom, li jibda mill-punt tal-produzzjoni tagħhom sal-fornitur tal-karburanti li jqiegħed il-karburant fis-suq.

ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi jew gassużi ta' orġini mhux bijoloġika, direttament tista' tintuża, biex jiġi ddeterminat is-sehem tal-enerġija rinnovabbli, il-medja tas-sehem tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli ***fil-pajjiż*** tal-produzzjoni, kif imkejjejl sentejn qabel is-sena inkwistjoni. Fiż-żewġ każijiet, għandu jiġi kkanċellat ammont ekwivalenti ta' garanziji tal-orġini maħruġa skont l-Artikolu 19.

Emenda

Mill-1 ta' Jannar 2021, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu bażi tad-dejta li tippermetti t-traċċar ta' karburanti tat-trasport li huma eliġibbli għall-għadd biex jintlaħaq in-numeratur stipulat fil-paragrafu 1(b), u jirrikjedu lill-operaturi ekonomiċi rilevanti biex jipprovdu l-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet li jkunu saru u dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà għall-karburanti eliġibbli, inklużi l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tul iċ-ċiklu ta' ħajjithom, li jibda mill-punt tal-produzzjoni tagħhom sal-fornitur tal-karburanti li jqiegħed il-karburant fis-suq. ***L-Istati Membri għandhom ukoll idaħħlu fis-seħħ miżuri korrettivi li għandhom jiġu applikati f'każ ta' nuqqas ta' konformità min-naħa tal-operaturi ekonomiċi.***

Ġustifikazzjoni

Il-bażijiet tad-dejta nazzjonali li jippermettu l-intraċċar tal-karburanti għat-trasport jenħtieġ li jkunu operattivi meta tidħol fis-seħħ id-Direttiva.

Emenda 77

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi bażi tad-dejta unika ddedikata dwar it-traċċabbiltà tal-kontroverifiki fil-livell tal-Unjoni biex tiżgura li l-iskemi nazzjonali jkunu interkonnessi.

Ġustifikazzjoni

Bażi tad-dejta unika Ewropea ddedikata dwar it-traċċabbiltà tal-kontroverifiki tkun kruċjali biex jiġi żgurat li l-iskemi nazzjonali huma interkonnessi biex jipprevjenu u jevitaw kwalunkwe frodi potenzjali. Jeħtieġ li l-bażi tad-dejta tkun operattiva sa tmiem l-2021.

Emenda 78

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 32 biex tispeċifika l-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 3(b) ta' dan l-Artikolu biex ikun determinat is-sehem ta' bijokarburanti li jirriżultaw minn bijomassa li tkun qed tiġi pproċessata b'karburanti fossili bi proċess komuni, biex tkun speċifikata il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra minn karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika u ***bbażati fuq l-iskart ta' karburanti fossili u*** biex jiġi ddeterminat l-iffrankar minimu fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra meħtieġ għal dawn il-karburanti għall-fini tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

6. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 32 biex tispeċifika l-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 3(b) ta' dan l-Artikolu biex ikun determinat is-sehem ta' bijokarburanti li jirriżultaw minn bijomassa li tkun qed tiġi pproċessata b'karburanti fossili bi proċess komuni, biex tkun speċifikata il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra minn karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika u biex jiġi ddeterminat l-iffrankar minimu fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra meħtieġ għal dawn il-karburanti għall-fini tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Emenda 79

Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Sal-31 ta' Diċembru 2025, fil-kuntest ta' valutazzjoni biennali tal-progress mwettqa skont ir-Regolament [Governance], il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 jistimulax b'mod effettiv l-innovazzjoni u jipromwovix l-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra fis-settur tat-trasport, u jekk applikabbli, jekk ir-rekwiżiti tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-bijokarburanti u l-bijogass humiex xierqa. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta biex timmodifika l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1.

Emenda

7. Sal-31 ta' Diċembru 2025, fil-kuntest ta' valutazzjoni biennali tal-progress mwettqa skont ir-Regolament [Governance], il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 jistimulax b'mod effettiv l-innovazzjoni u jipromwovix l-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra fis-settur tat-trasport, u jekk applikabbli, jekk ir-rekwiżiti tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-bijokarburanti u l-bijogass humiex xierqa. ***Il-valutazzjoni għandha wkoll tanalizza jekk id-dispożizzjonijiet f'dan l-artikolu jevitawx b'mod effettiv il-kontabilità doppja tal-enerġija rinnovabbli.*** Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta biex timmodifika l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1.

Emenda 80

Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-eliġibbiltà għal sostenn finanzjarju għall-konsum ta' bijokarburanti ***u*** bijolikwidi, ***bijokarburanti*** u karburanti mill-bijomassa.

Emenda

(c) l-eliġibbiltà għal sostenn finanzjarju, ***inċentivi fiskali jew miżuri oħra tal-politika*** għall-konsum ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa.

Emenda 81

Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-karburanti mill-bijomassa għandhom jissodisfaw il-kriterji tas-sostebbibilità u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet

Emenda

Il-karburanti mill-bijomassa għandhom jissodisfaw il-kriterji tas-sostebbibilità u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet

b'effett ta' serra stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 7 biss jekk ikunu użati fi stallazzjonijiet li jipproduċu l-elettriku, it-tisħin u t-tkessiġ jew il-karburanti b'kapaċità tal-karburanti ugwali għal jew akbar minn 20 MW f'każ ta' karburant tal-bijomassa solidi u b'kapaċità **elettrika** ta' **0,5** MW jew aktar fil-każ ta' karburant gassużi mill-bijomassa. L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra kriterji għal stallazzjonijiet b'kapaċità ta' karburant aktar baxxa.

Emenda 82

Proposta għal direttiva Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kriterji tas-sostenibbiltà stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 6 u l-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra stabbiliti fil-paragrafu 7 għandhom japplikaw indipendentement mill-oriġini ġeografika tal-bijomassa.

Emenda 83

Proposta għal direttiva Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

b'effett ta' serra stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 7 biss jekk ikunu użati fi stallazzjonijiet li jipproduċu l-elettriku, it-tisħin u t-tkessiġ jew il-karburanti b'kapaċità tal-karburanti ugwali għal jew akbar minn 20 MW f'każ ta' karburant tal-bijomassa solidi u b'kapaċità **ta' karburant** ta' **2,0** MW jew aktar fil-każ ta' karburant gassużi mill-bijomassa. L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra kriterji għal stallazzjonijiet b'kapaċità ta' karburant aktar baxxa.

Emenda

Il-kriterji tas-sostenibbiltà stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 6 u l-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra stabbiliti fil-paragrafu 7 għandhom japplikaw indipendentement mill-oriġini ġeografika tal-bijomassa, **kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha.**

Emenda

B'deroga mill-paragrafi preċedenti, filwaqt li jitqies l-karatteristiċi speċifiċi ta' dawn it-territorji kif stipulat fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 26 m'għandux japplika għar-reġjuni l-aktar imbiegħda. Fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-

Kunsill proposta leġislattiva li tistabbilixxi l-kriterji ta' sostenibbiltà u tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra applikabbli għar-reġjuni l-aktar imbiegħda. Dawn il-kriterji għandhom iqisu l-karatteristiċi speċifiċi lokali. B'mod partikolari, dawn ir-reġjuni jenħtieġ li jkunu kapaċi jisfruttaw għalkollox ir-riżorsi tagħhom, b'konformità mal-kriterji stretti tas-sostenibbiltà, sabiex tiżdied il-produzzjoni tagħhom ta' enerġija rinnovabbli u tissaħħaħ l-indipendenza enerġetika tagħhom.

Ġustifikazzjoni

Il-forniment ta' karburanti fossili lir-reġjuni l-aktar imbiegħda (80 % jew aktar f'xi reġjuni) iwassal għal spejjeż addizzjonali li jaffettwaw b'mod negattiv l-ekonomija lokali u l-kapaċità tal-akkwist tal-abitanti. Fl-istess waqt, dawn ir-reġjuni għandhom riżorsi konsiderevoli ta' bijomassa li huma għandhom ikunu jistgħu jisfruttaw.

Emenda 84

Proposta għal direttiva

Artikolu 26 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b – subparagrafu 1 – punt ii a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) bħala żona b'valur ta' konservazzjoni kbir jew eċċeżżjonali rikonoxxut minn skemi ta' ċertifikazzjoni nazżjonali jew internazżjonali, inklużi siti ta' valur straordinarju għall-umanità;

Emenda 85

Proposta għal direttiva

Artikolu 26 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) art bil-ħaxix b'bijodiversità għolja ***ta' aktar minn ettaru*** li huwa:

(c) art bil-ħaxix b'bijodiversità għolja, ***inklużi l-mergħat u l-bwar imsaġġra***, li huwa:

Emenda 86

Proposta għal direttiva Artikolu 26 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburant mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa agrikola ikkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 m' għandhomx isiru minn materia prima miksuba minn art li kienet art tal-peat f'Jannar 2008,.

Emenda

4. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburant mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa agrikola ikkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 m' għandhomx isiru minn materia prima miksuba minn art li kienet art tal-peat f'Jannar 2008, **sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li turi li l-kultivazzjoni u l-ħsad ta' dik il-materja prima ma tinvolvix l-iskular ta' ħamrija li qabel ma tkunx ġiet iddrenjata.**

Ġustifikazzjoni

Minħabba ż-żieda fil-popolazzjoni u fid-domanda globali għall-ikel, il-ħamrija agrikola jinħtieġ li tibqa' fi stat ta' produzzjoni tajjeb sabiex tiġi żgurata provvista tal-ikel fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, il-proposta tassumi li l-użu tal-enerġija tal-bijomassa agrikola kollha li titkabbar f'artijiet tal-pit, mhijiex sostenibbli. Hemm prattiki attwali u emerġenti għall-użu tal-artijiet tal-pit li diġà qed jintużaw fl-agrikoltura, li għandhom benefiċċji klimatiċi u ambjentali oħra, pereżempju protezzjoni tal-bijodiversità u tal-ilma.

Emenda 87

Proposta għal direttiva Artikolu 26 – paragrafu 5 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

i) il-ħsad isir b'konformità mal-kondizzjonijiet ta' permess tal-ħsad fi ħdan **konfini** reġistrati legalment;

Emenda

i) il-ħsad isir b'konformità mal-kondizzjonijiet ta' permess tal-ħsad **jew prova ekwivalenti tad-dritt legali għall-ħsad** fi ħdan **il-konfini nazzjonali jew reġjonali** reġistrati legalment.

Ġustifikazzjoni

Hemm prattiki u proċeduri differenti f'pajjiżi differenti li jiggarantixxu l-legalità tal-ħsad.

Emenda 88

Proposta għal direttiva

Artikolu 26 – paragrafu 5 – punt a – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

iii) żoni **ta' valur għoli** ta' konservazzjoni, inklużi **l-artijiet** mistagħdra jew tal-pit, ikunu protetti;

Emenda

iii) żoni **magħżula, mil-liġi nazzjonali jew internazzjonali jew mill-awtorità kompetenti rilevanti, għall-promozzjoni taż-żamma tal-bijodiversità jew għal finijiet** ta' konservazzjoni **tan-natura**, inklużi **fl-artijiet** mistagħdra jew tal-pit, ikunu protetti;

Ġustifikazzjoni

L-emenda tipprovdi kjarifika għall-implimentazzjoni u tagħmel it-test konsistenti mal-Artikolu 26(2)(b) u l-premessa 76.

Emenda 89

Proposta għal direttiva

Artikolu 26 – paragrafu 5 – punt a – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni

iv) **l-impatti ta' ħsad tal-foresta fuq il-kwalità** tal-ħamrija u l-bijodiversità **jigħu minimizzati**; and

Emenda

iv) **il-ħsad isir skont b'kunsiderazzjoni taż-żamma tal-kwalità** tal-ħamrija u l-bijodiversità; and

Ġustifikazzjoni

Il-"minimizzazzjoni" mhijiex kunċett ċar u diffiċli tiġi pprovata u sorveljata fil-prattika. Għalhekk, it-terminu jenħtieġ li jiġi evitat f'test legali.

Emenda 90

Proposta għal direttiva

Artikolu 26 – paragrafu 5 – punt a – punt v

Test propost mill-Kummissjoni

v) tal-ħsad **ma jaqbiżx** il-kapaċità tal-produzzjoni fit-tul tal-foresta;

Emenda

v) tal-ħsad **iżomm jew itejjeb** il-kapaċità tal-produzzjoni fit-tul tal-foresta **fil-livell tal-pajjiż jew reġjonali**;

Ġustifikazzjoni

Il-kapaċità tal-produzzjoni hija kunċett statiku billi l-produttività tinkludi l-idea li l-kapaċità mhijiex lineari u stabbilita minn qabel, iżda b'immaniġġjar tajjeb, wieħed jista' jaħsad aktar u fl-istess ħin, ikabbar aktar ukoll. Billi jitqies ukoll ir-rwol multifunzjonali tal-foresti u s-servizzi soċjoekonomiċi li dawn jipprovdu f'ċerti reġjuni ġeografiċi, il-ħsad sostenibbli jista' jintlaħaq l-aħjar fil-livell reġjonali jew nazzjonali. Din id-dispożizzjoni jenħtieġ li tikkonċerna l-foresti kollha fil-livell tal-pajjiż jew reġjonali.

Emenda 91

Proposta għal direttiva

Artikolu 26 – paragrafu 5 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(b) meta l-evidenza msemmija fl-ewwel subparagrafu ma tkunx disponibbli, il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa ***tal-foresti*** għandhom ***jiġu kkunsidrati*** għall-finijiet ***msemmija*** fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 jekk ***ikunu hemm fis-seħħ sistemi tal-immaniġġjar*** fil-livell ***ta' azjenda tal-foresta*** sabiex jiġi żgurat li:

Emenda

(b) meta l-evidenza msemmija fl-ewwel subparagrafu ma tkunx disponibbli, il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa ***forestali*** għandhom ***jitqiesu*** għall-finijiet ***imsemmija*** fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 jekk ***tingħata informazzjoni addizzjonali dwar il-prattiki tal-legalità u tal-immaniġġjar tal-foresti*** fil-livell ***tal-bażi tal-provvista*** sabiex jiġi żgurat li:

Ġustifikazzjoni

Hemm Prattiki u proċeduri differenti f'pajjiżi differenti li jiggwarantixxu l-legalità tal-ħsad. Il-proċess tal-ħsad normalment jinkludi proċeduri differenti, li jikkostitwixxu proċedura ta' permess tal-ħsad

Emenda 92

Proposta għal direttiva

Artikolu 26 – paragrafu 5 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

i) ***il-bijomassa tal-foresti ġiet maħsuda skont permess legali;***

Emenda

i) ***il-ħsad isir skont il-kundizzjonijiet tal-proċedura tal-permess tal-ħsad jew prova ekwivalenti nazzjonali jew reġjonali tad-dritt legali għall-ħsad;***

Ġustifikazzjoni

Hemm prattiki u proċeduri differenti f'pajjiżi differenti li jggarantixxu l-legalità tal-ħsad.

Emenda 93

Proposta għal direttiva

Artikolu 26 – paragrafu 5 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

iii) żoni **ta' valur għoli** ta' konservazzjoni, inklużi l-artijiet mistagħdra jew tal-pit, ikunu **identifikati** u **protetti**;

Emenda

iii) żoni **magħżula, mil-liġi jew mill-awtorità kompetenti rilevanti, għall-promozzjoni taż-żamma tal-bijodiversità jew għal finijiet** ta' konservazzjoni **tan-natura**, inklużi l-artijiet mistagħdra jew tal-pit, ikunu **protetti u inklużi żoni magħżula mil-liġi internazzjonali u nazzjonali kif ukoll mill-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali u reġjonali**;

Ġustifikazzjoni

L-emenda tippровdi kjarifika għall-implimentazzjoni u tagħmel it-test konsistenti ma' 26.2(b) u l-premessa 76.

Emenda 94

Proposta għal direttiva

Artikolu 26 – paragrafu 5 – punt b – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni

iv) **l-impatti tal-ħsad tal-foresta fuq il-kwalità** tal-ħamrija u l-bijodiversità **jigħu minimizzati**;

Emenda

iv) **il-ħsad isir skont iż-żamma tal-kwalità** tal-ħamrija u l-bijodiversità; **u**

Ġustifikazzjoni

Il-"minimizzazzjoni" mhijiex kunċett ċar, u diffiċli tiġi pprovata fil-prattika. Huwa aktar prattiku li operatur jintalab jaġħti prova li l-prattiki tal-immaniġġjar tal-foresta jinkludu l-konsiderazzjoni taż-żamma tal-kwalità tal-ħamrija u l-bijodiversità matul il-ħsad.

Emenda 95

Proposta għal direttiva

Artikolu 26 – paragrafu 5 – punt b – punt v

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

v) il-**ħsad *ma jaqbiżx*** il-kapaċità ***tal-produzzjoni*** fit-tul tal-foresta.

v) il-**ħsad *iżomm jew itejjeb*** il-kapaċità ***tal-produttività*** fit-tul tal-foresta ***fil-livell tal-pajjiż jew reġjonali***.

Ġustifikazzjoni

*Il-kapaċità tal-produzzjoni hija kunċett statiku billi l-produttività tinkludi l-idea li l-kapaċità mhijiex lineari u stabbilita minn qabel, iżda b'immaniġġjar tajjeb, wieħed jista' jaħsad aktar u fl-istess ħin, ikabbar aktar ukoll. Billi jitqies ukoll ir-rwol multifunzjonali tal-foresti u s-servizzi soċjoekonomiċi tagħhom f'reġjun ġeografiku partikolari, il-**ħsad sostenibbli jista' jintlaħaq l-aħjar fil-livell reġjonali jew nazzjonali. Jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda differenza bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi.***

Emenda 96

Proposta għal direttiva

Artikolu 26 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta l-evidenza msemmija fl-ewwel subparagrafu ma tkunx disponibbli, il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa tal-foresti għandhom jiġu kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 jekk ***ikun hemm fis-seħħ sistemi tal-immaniġġjar fil-livell ta' azjenda tal-foresta sabiex jiġi żgurat li l-livelli tal-istokkijiet u l-ħażniet (sinks) tal-karbonju fil-foresta jinżammu.***

Meta l-evidenza msemmija fl-ewwel subparagrafu ma tkunx disponibbli, il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa tal-foresti għandhom jiġu kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 jekk ***tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali bbażata fuq dejta adegwata tal-inventarju li turi żamma jew żieda ta' stokkijiet ta' karbonju fit-tul fil-livell tal-bażi tal-provvista;***

Ġustifikazzjoni

*Jeħtieġ li nivvalutaw u nkejlu l-istokkijiet tal-karbonju f'intervalli fit-tul sabiex ikollna dejta affidabbli dwar it-tkabbir u/jew il-produzzjoni kollha. Id-dejta jenħtieġ li tkun ibbażata fuq inventarji xierqa minn żoni li jkunu kbar biżżejjed biex jitqiesu affidabbli. Din l-emenda hija konformi mal-**loġika mressqa fl-Artikolu 2 li tissostitwixxi "livell tal-azjendi forestali" bil-kliem "bażi tal-provvista".***

Emenda 97

Proposta għal direttiva

Artikolu 26 – paragrafu 6 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Sal-31 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk il-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 5 u 6 jimminimizzawx b'mod effettiv ir-riskju tal-użu mhux sostenibbli tal-bijomassa forestali u tindirizza l-ħtiġijiet tas-settur tal-LULUCF, abbażi tad-dejta disponibbli. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta biex timmodifika r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 5 u 6.

Emenda

Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha, ***b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Forestrarju Permanenti***, teżamina jekk il-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 5 u 6 jimminimizzawx b'mod effettiv ir-riskju tal-użu mhux sostenibbli tal-bijomassa forestali u tindirizza l-ħtiġijiet tas-settur tal-LULUCF, abbażi tad-dejta disponibbli. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta ***għall-perjodu ta' wara l-2030*** biex timmodifika r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 5 u 6.

Ġustifikazzjoni

Ir-rieżami fl-2023 huwa kmieni wisq u l-possibilità ta' modifiki għall-perjodu tal-2030 toħloq inċertezza żejda u piż u spejjeż amministrattivi. Huwa aħjar li r-rieżami u l-proposta possibbli għal modifiki għall-perjodu ta' wara l-2030 jiġu allinjati mal-kalendarju għad-direttiva kollha b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Forestrarju Permanenti.

Emenda 98

Proposta għal direttiva

Artikolu 26 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ***mill-anqas ta' 70 % għal bijokarburanti u bijolikwidi*** prodotti fi stallazzjonijiet li jibdeu joperaw ***mill-1*** ta' Jannar 2021;

Emenda

(c) ***mill-inqas 60 % għall-produzzjoni tal-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ mill-bijogass, u karburanti gassużi mill-bijomassa*** prodotti fi stallazzjonijiet li jibdeu joperaw ***wara l-1*** ta' Jannar 2021;

Ġustifikazzjoni

Tista' tirriżulta f'żieda arbitrara u mhux iġġustifikata fil-limiti tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-2021 għall-bijokarburanti u bijolikwidi u mill-2026 għall-karburanti solidi mill-bijomassa.

Emenda 99

Proposta għal direttiva

Artikolu 26 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

d) mill-inqas 80 % **għall-elettriku**, it-tisħin u t-tkessiġ minn **produzzjoni tal-karburanti** mill-bijomassa użati fi stallazzjonijiet li jibdew joperaw wara l-1 ta' Jannar 2021 u 85 % għal stallazzjonijiet li jibdew joperaw wara l-1 ta' Jannar 2026.

Emenda

d) mill-inqas 80 % **għall-produzzjoni tal-elettriku**, it-tisħin u t-tkessiġ minn **karburanti solidi** mill-bijomassa użati fi stallazzjonijiet li jibdew joperaw wara l-1 ta' Jannar 2021. **Il-Kummissjoni għandha tevalwa, fid-dawl tal-progress teknoloġiku li jkun sar, jekk għandux jiġi stabbilit soll ta' 85 % għal stallazzjonijiet li jibdew joperaw wara l-1 ta' Jannar 2026. Il-Kummissjoni għandha tipproponi, jekk ikun meħtieġ, li dan il-paragrafu jiġi rivedut permezz ta' att delegat.**

Ġustifikazzjoni

Il-bijogass, bħall-bijometan prodott mill-metanizzazzjoni, huwa ta' interess f'termini ta' gassijiet b'effett ta' serra, iżda wkoll fir-rigward tal-ekonomija ċirkolari u l-agrikoltura sostenibbli. Il-metanizzazzjoni tagħmilha possibbli li jsir użu mid-demel u li l-ilma mormi jiġi ttrattat b'mod aktar effiċjenti. Dan il-proċess jippermetti li jiġi prodott fertilizzanti organiċi effettivi. Soll għoli żżejjed jillimita l-iżvilupp ta' dik it-teknoloġija, li għandha bosta benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u klimatiċi.

Emenda 100

**Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 9**

Test propost mill-Kummissjoni

9. Għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri m'għandhomx jirrifjutaw li jikkunsidraw, għal raġunijiet oħra ta' sostenibbiltà, bijokarburanti u bijolikwidi miksuba f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Emenda

9. Għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri m'għandhomx jirrifjutaw li jikkunsidraw, għal raġunijiet oħra ta' sostenibbiltà, **karburanti mill-bijomassa**, bijokarburanti u bijolikwidi miksuba f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Ġustifikazzjoni

Fil-proposta tal-Kummissjoni l-bijomassa ġiet enfasizzata speċifikament, u ġew introdotti dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw din il-materja prima. Sabiex ikun hemm ċarezza, iż-żieda proposta f'din l-emenda hija importanti.

Emenda 101

Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. Għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jqiegħdu rekwiżiti **addizzjonali** dwar is-sostenibbiltà **għall-karburanti** mill-bijomassa.

Emenda

10. Għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jqiegħdu rekwiżiti **addizzjonali** dwar is-sostenibbiltà **għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti** mill-bijomassa.

Dawn il-kriterji addizzjonali għandhom ikunu ġġustifikati billi jitqies għalkollox il-funzjonament tas-suq intern.

Il-kriterji tas-sostenibilità u tat-tfaddil fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra għandhom japplikaw bl-istess mod għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti fl-UE jew importati minn pajjiżi terzi.

Ġustifikazzjoni

Skont id-dispożizzjoni tat-Trattat fl-Artikolu 194(2) tat-TFUE, l-Istati Membri m'għandhomx jinżammu milli jagħmlu rekwiżiti addizzjonali dwar is-sostenibilità, kif meħtieġ, biex inaqqsu jew jeliminaw l-impatti avversi mill-promozzjoni tal-użu tal-bijokarburanti u bijolikwidi apparti l-karburanti mill-bijomassa.

Emenda 102

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jippreżentaw informazzjoni affidabbli dwar il-konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra kif stipulati fl-Artikoli 26(2) sa (7) u li jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, fuq talba, id-dejta li ntużat biex tkun żviluppata l-informazzjoni. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jagħmlu arranġament għal standard adegwat ta' verifika indipendenti

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jippreżentaw informazzjoni affidabbli dwar il-konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra kif stipulati fl-Artikoli 26(2) sa (7) u li jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, fuq talba, id-dejta li ntużat biex tkun żviluppata l-informazzjoni. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jagħmlu arranġament għal standard adegwat ta' verifika indipendenti

tal-informazzjoni ppreżentata, u li jipprovdu evidenza li dan sar. L-awditjar għandu jivverifika li s-sistemi użati mill-operaturi ekonomiċi huma preċiżi, affidabbli u mħarsa kontra l-frodi. Dan għandu jevalwa l-frekwenza u l-metodoloġija tat-teħid ta' kampjuni u l-affidabilità tad-dejta.

tal-informazzjoni ppreżentata, u li jipprovdu evidenza li dan sar. ***Sal-ewwel punt ta' għbir tal-bijomassa, tista' tintuża verifika minn partijiet primi u sekondi.*** L-awditjar għandu jivverifika li s-sistemi użati mill-operaturi ekonomiċi huma preċiżi, affidabbli u mħarsa kontra l-frodi. Dan għandu jevalwa l-frekwenza u l-metodoloġija tat-teħid ta' kampjuni u l-affidabilità tad-dejta.

Emenda 103

Proposta għal direttiva

Artikolu 27 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li skemi volontarji nazzjonali jew internazzjonali li jistabbilixxu standards għall-produzzjoni ta' prodotti ta' bijomassa jkun fihom dejta preċiża għall-finijiet tal-Artikolu 26(7), u/jew juru li konsenji ta' bijokarburanti, bijolikwidi jew karburanti mill-bijomassa jkunu konformi mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 26(2), (3), (4), (5) u (6), u/jew li l-ebda materjal ma ġie mmodifikat jew mormi intenzjonalment sabiex il-konsenja jew parti minnha taqa' taħt l-Anness IX. Meta jintwera li r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 26(5) u (6) għall-bijomassa tal-foresti huma ssodisfati, l-operaturi jistgħu jiddeċiedu li jipprovdu direttament l-evidenza meħtieġa fil-livell ***ta' azjenda tal-foresta***. Il-Kummissjoni tista' wkoll tirrikonoxxi żoni għall-protezzjoni ta' ekosistemi jew speċijiet rari, mhedda jew fil-periklu ta' estinzjoni rikonoxxuti minn ftehimiet internazzjonali jew inklużi f'listi stabbiliti minn organizzazzjonijiet intergovernattivi jew mill-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura għall-finijiet tal-Artikolu 26(2)(b)(ii).

Emenda

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li skemi volontarji nazzjonali jew internazzjonali li jistabbilixxu standards għall-produzzjoni ta' prodotti ta' bijomassa jkun fihom dejta preċiża għall-finijiet tal-Artikolu 26(7), u/jew juru li konsenji ta' bijokarburanti, bijolikwidi jew karburanti mill-bijomassa jkunu konformi mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 26(2), (3), (4), (5) u (6), u/jew li l-ebda materjal ma ġie mmodifikat jew mormi intenzjonalment sabiex il-konsenja jew parti minnha taqa' taħt l-Anness IX. Meta jintwera li r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 26(5) u (6) għall-bijomassa tal-foresti huma ssodisfati, l-operaturi jistgħu jiddeċiedu li jipprovdu direttament l-evidenza meħtieġa fil-livell ***ta' bażi tal-provvista***. Il-Kummissjoni tista' wkoll tirrikonoxxi żoni għall-protezzjoni ta' ekosistemi jew speċijiet rari, mhedda jew fil-periklu ta' estinzjoni rikonoxxuti minn ftehimiet internazzjonali jew inklużi f'listi stabbiliti minn organizzazzjonijiet intergovernattivi jew mill-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura għall-finijiet tal-Artikolu 26(2)(b)(ii).

Jenħtieġ li livell ta' bażi tal-provvista jinżamm fid-Direttiva kollha.

Emenda 104

Proposta għal direttiva Artikolu 27 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Bl-għan li tiġi żgurata li l-konformità mal-kriterji tas-sostennibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tiġi vverifikata b'mod effiċjenti u armonizzat b'mod partikolari għall-prevenzjoni tal-frodi tispeċifika regoli ta' implimentazzjoni dettaljati inklużi standards adegwati ta' awtditi affidabbli, trasparenti u indipendenti u tirrikjedi li l-iskemi volontarji kollha japplikaw dawk l-istandards. Meta tispeċifika dawn l-istandards, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni speċjali lill-ħtieġa li jiġi minimizzat il-piż. Dan għandu jsir permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31 (3). Tali atti għandhom jistabbilixxu perijodu ta' żmien li fih l-iskemi volontarji jeħtieġ li jimplimentaw l-istandards. Il-Kummissjoni tista' tħassar deċiżjonijiet li jirrikonoxxu l-iskemi volontarji fil-każ li dawk l-iskemi jonqsu milli jimplimentaw tali standards fil-perijodu ta' żmien previst.

Emenda

Bl-għan li tiġi żgurata li l-konformità mal-kriterji tas-sostennibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tiġi vverifikata b'mod effiċjenti u armonizzat b'mod partikolari għall-prevenzjoni tal-frodi tispeċifika regoli ta' implimentazzjoni dettaljati inklużi standards adegwati ta' awtditi affidabbli, trasparenti u indipendenti u tirrikjedi li l-iskemi volontarji kollha japplikaw dawk l-istandards. Meta tispeċifika dawn l-istandards, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni speċjali lill-ħtieġa li jiġi minimizzat il-piż ***amministrattiv u l-possibbiltà li jintuża l-awditjar minn partijiet primi u sekondi sal-ewwel punt tal-ġbir tal-bijomassa***. Dan għandu jsir permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31 (3). Tali atti għandhom jistabbilixxu perijodu ta' żmien li fih l-iskemi volontarji jeħtieġ li jimplimentaw l-istandards. Il-Kummissjoni tista' tħassar deċiżjonijiet li jirrikonoxxu l-iskemi volontarji fil-każ li dawk l-iskemi jonqsu milli jimplimentaw tali standards fil-perijodu ta' żmien previst.

Emenda 105

Proposta għal direttiva Artikolu 27 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7 a. Il-Kummissjoni tista', fi

kwalunkwe ħin, tivverifika l-affidabbiltà tal-informazzjoni relatata mal-issodisfar tal-kriterji tas-sostenibbiltà jew l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta'serra sottomessa minn operaturi ekonomiċi li joperaw fis-suq tal-Unjoni jew fuq talba ta' Stat Membru.

Ġustifikazzjoni

Jenħtieġ li jiġi kkjarifikat li l-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha s-setgħa u l-kapaċità li tiegħu l-azzjoni meħtieġa waħedha jew fuq talba tal-Istati Membri sabiex tiġi żgurata l-kredibbiltà tas-sistema, tiġi osservata l-liġi u jkun prevenut kwalunkwe frodi.

Emenda 106

Proposta għal direttiva Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. **L-Istati Membri jistgħu** jippreżentaw lill-Kummissjoni rapporti li jinkludu tagħrif dwar l-emissjonijiet tipiċi ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-kultivazzjoni ta' materja prima agrikola a' dawk iż-żoni fit-territorju tagħhom ikklassifikati bħala livell 2 fin-nomenklatura tal-unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) jew bħala livell NUTS aktar diżaggregat skont ir-Regolament (KE) 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵. Ir-rapporti għandhom jiġu akkumpanjati minn deskrizzjoni tal-metodu u **tar-sorsi tad-data** użati biex jiġi kkalkulat il-livell tal-emissjonijiet. Dak il-metodu għandu jikkunsidra l-karatteristiċi tal-ħamrija, il-klima u l-produzzjoni mistennija ta' materja prima.

³⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

Emenda

2. **Sal-2021, l-Istati Membri għandhom** jippreżentaw lill-Kummissjoni rapporti li jinkludu tagħrif dwar l-emissjonijiet tipiċi ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-kultivazzjoni ta' materja prima agrikola a' dawk iż-żoni fit-territorju tagħhom ikklassifikati bħala livell 2 fin-nomenklatura tal-unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) jew bħala livell NUTS aktar diżaggregat skont ir-Regolament (KE) 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵. Ir-rapporti għandhom jiġu akkumpanjati minn deskrizzjoni tal-metodu u **tas-sorsi tad-dejta** użati biex jiġi kkalkulat il-livell tal-emissjonijiet. Dak il-metodu għandu jikkunsidra l-karatteristiċi tal-ħamrija, il-klima u l-produzzjoni mistennija ta' materja prima.

³⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

Emenda 107

Proposta għal direttiva

Artikolu 28 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha **żżomm taħt analiżi l-Anness V** u l-Anness VI bil-ħsieb, fejn iġġustifikat li żżid **jew** tirrevedi il-valuri għal mogħdijiet tal-produzzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa . Dik l-analiżi għandha tqis ukoll il-modifika tal-metodoloġija stabbilita fil-parti C għall-Anness V, u fil-parti B tal-Anness VI

Emenda

Il-Kummissjoni għandha **tagħmel rieżami tal-Anness V** u l-Anness VI bil-ħsieb, fejn iġġustifikat, li żżid, **iżda mhux li** tirrevedi, il-valuri għal mogħdijiet tal-produzzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa. Dik l-analiżi għandha tqis ukoll il-modifika tal-metodoloġija stabbilita fil-parti C għall-Anness V, u fil-parti B tal-Anness VI.

Ġustifikazzjoni

Jenħtieġ li l-Kummissjoni la jkollha s-setgħa li tirrevedi l-valuri għal mogħdijiet tal-produzzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa u lanqas li timmodifika l-metodoloġija stabbilita fil-parti C tal-Anness V u fil-parti B tal-Anness VI mingħajr ma tiddiskuti l-proposti mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill bħala koleġiżlaturi.

Emenda 108

Proposta għal direttiva

Artikolu 28 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

F'każ li **r-reviżjoni** tal-Kummissjoni **tikkonkludi** li għandhom isiru tibdiliet għall-Anness V jew l-Anness VI il-Kummissjoni **hija mogħtija s- setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 32** .

Emenda

F'każ li **r-rieżami** tal-Kummissjoni **jikkonkludi** li għandhom isiru tibdiliet għall-Anness V jew l-Anness VI, il-Kummissjoni **għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposti leġiżlattivi li jemendaw l-Anness V jew VI.**

Ġustifikazzjoni

Jenħtieġ li l-Kummissjoni la jkollha s-setgħa li tirrevedi l-valuri għal mogħdijiet tal-produzzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa u lanqas li timmodifika l-metodoloġija stabbilita fil-parti C tal-Anness V u fil-parti B tal-Anness VI mingħajr ma tiddiskuti l-proposti mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill bħala koleġiżlaturi.

Emenda 109

Proposta għal direttiva Artikolu 28 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Fejn ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal- Parti C għall-Anness V u l-Parti B għall-Anness VI , til-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati li jinkludu definizzjonijiet , **fatturi ta' konverżjoni, kalkoli tal-emissjonijiet annwali mill-kultivazzjoni u/jew iffrankar tal-emissjonijiet ikkawżat mill-bidliet ta' hawn fuq u stokkijiet tal-karbonju ta' taħt l-art li diġà jinsabu f'art ikkultivata, kalkolu tal-iffrankar mill-emissjonijiet mill-qabda tal-karbonju, is-sostituzzjoni tal-karbonju u l-ħażna ġeoloġika tal-karbonju**. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31 (2).

Emenda

6. Fejn ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal- Parti C għall-Anness V u l-Parti B għall-Anness VI, til-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati li jinkludu definizzjonijiet. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31 (2).

Ġustifikazzjoni

Jenħtieġ li l-Kummissjoni la jkollha s-setgħa li tirrevedi l-valuri għal mogħdijiet tal-produzzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa u lanqas li timmodifika l-metodoloġija stabbilita fil-parti C tal-Anness V u fil-parti B tal-Anness VI mingħajr ma tiddiskuti l-proposti mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill bħala koleġislaturi.

Emenda 110

Proposta għal direttiva Artikolu 32 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa li jkunu adottati atti delegati msemmija fl-Artikoli **7(5), 7(6); 19(11), 19(14), 25(6) u 28(5)** għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mill- 1 ta' **Jannar 2021** .

Emenda

2. Is-setgħa li jkunu adottati atti delegati msemmija fl-Artikoli 19(11), 19(14), 25(6) u 28(5) għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mill-1 ta' **Jannar 2021**.

Ġustifikazzjoni

L-atti delegati msemmija fl-Artikoli 7(5), 7(6) jenħtieġ li jitħassru minn dan il-paragrafu.

Emenda 111

Proposta għal direttiva

Artikolu 32 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 7(5), 7(6); 19(11), 19(14), 25(6) u 28(5) tista' tkun irrevokata f'kull mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda

Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 19(11), 19(14), 25(6) u 28(5) tista' tkun irrevokata f'kull mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Ġustifikazzjoni

L-atti delegati msemmija fl-Artikoli 7(5), 7(6) jenħtieġ li jitħassru minn dan il-paragrafu.

Emenda 112

Proposta għal direttiva

Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Għandhom ukoll jinkludu dikjarazzjoni li li fiha jingħad li referenzi għad-Direttivi mħassra minn din id-Direttivi fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għandhom jinftiehemu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-

Emenda

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Għandhom ukoll jinkludu dikjarazzjoni li li fiha jingħad li referenzi għad-Direttivi mħassra minn din id-Direttivi fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għandhom jinftiehemu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-

tali referenza u kif tfasslet it-tali dikjarazzjoni.

tali referenza u kif tfasslet it-tali dikjarazzjoni. ***L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar sistema ta' penali applikabbli għal nuqqas ta' konformità.***

Emenda 113

Proposta għal direttiva Anness V – parti C – punt 1 – punt a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

E = eec + el + ep + etd + eu – esca – eccs –
eccr,

E = eec + el + ep + etd + eu – esca – eccs –
eccru,

Ġustifikazzjoni

ccru = iffrankar tal-emissjonijiet mill-qbid, is-sostituzzjoni jew l-użu tal-karbonju;

Emenda 114

Proposta għal direttiva Anness V – parti C – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. Għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-punt 3, l-iffrankar mill-emissjonijiet permezz ta' ġestjoni agrikola mtejba, bħall-bidla lejn tnaqqis jew zero ħdim tar-raba', rotazzjoni tal-għelejjel imtejba, l-użu ta' għelejjel ta' kopertura, l-inklużjoni ta' ġestjoni tar-residwi tal-għelejjel, u l-użu ta' sustanzi li jtejbu l-ħamrija organika (eż. kompost, diġestat tal-fermentazzjoni tad-demel), għandu jitqies biss jekk tiġi fornuta evidenza solida u verifikabbli li l-karbonju tal-ħamrija żdied jew li huwa raġjonevoli li wieħed jistenna li dan jiżdied tul il-perjodu li matulu ġiet ikkultivata l-materja prima inkwistjoni filwaqt li jitqiesu l-emissjonijiet fejn it-tali Prattiki jwasslu għal użu akbar ta' fertilizzanti u erbiċidi.

6. Għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-punt 3, l-iffrankar mill-emissjonijiet permezz ta' ġestjoni agrikola mtejba, bħall-bidla lejn tnaqqis jew zero ħdim tar-raba', rotazzjoni tal-għelejjel imtejba, l-użu ta' għelejjel ta' kopertura, l-inklużjoni ta' ġestjoni tar-residwi tal-għelejjel, u l-użu ta' sustanzi li jtejbu l-ħamrija organika (eż. kompost, diġestat tal-fermentazzjoni tad-demel), għandu jitqies biss jekk tiġi fornuta evidenza solida u verifikabbli li l-karbonju tal-ħamrija żdied jew li huwa raġjonevoli li wieħed jistenna li dan jiżdied tul il-perjodu li matulu ġiet ikkultivata l-materja prima inkwistjoni filwaqt li jitqiesu l-emissjonijiet fejn it-tali Prattiki jwasslu għal użu akbar ta' fertilizzanti u erbiċidi ***jew jgħinu biex jitnaqqas l-użu ta' fertilizzanti nitroġenużi prodotti mill-karburanti fossili.***

Ġustifikazzjoni

Il-benefiċċji kollha marbuta mal-fermentazzjoni jenħtieġ li jiġu kkunsidrati meta dawn jikkontribwixxu biex jinkisbu l-għanijiet tal-politiki Ewropej. Għalhekk, il-fermentazzjoni tagħmilha possibbli li jiġu mmanifatturati fertilizzanti organiċi biex jissostitwixxu fertilizzanti nitroġeniċi. Għalhekk din għandha post fi ħdan l-ekonomija ċirkolari bħala Prattika Agrikola Sostenibbli. Minħabba li l-fermentazzjoni tissemma fl-emendi magħmula mill-Kummissjoni, għandu jkun possibbli li tiġi modifikata din il-parti tal-anness.

Emenda 115

Proposta għal direttiva Anness V – parti C – punt 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fil-kalkolu tal-konsum ta' elettriku mhux prodott fl-impjant ta' produzzjoni tal-karburant, l-intensità tal-emissjoni tal-gassi b'effett serra tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' dak l-elettriku għandha tkun meqjusa li hija ugwali għall-intensità medja tal-emissjonijiet tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku f'reġjun definit. B'deroga minn din ir-regola l-produtturi jistgħu jużaw valur medju għal impjant ta' produzzjoni tal-elettriku individwali għall-elettriku prodott minn dak l-impjant, ***jekk dak l-impjant mhux konness mal-grilja tal-elettriku.***

Emenda

Fil-kalkolu tal-konsum ta' elettriku mhux prodott fl-impjant ta' produzzjoni tal-karburant, l-intensità tal-emissjoni tal-gassi b'effett serra tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' dak l-elettriku għandha tkun meqjusa li hija ugwali għall-intensità medja tal-emissjonijiet tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku f'reġjun definit. B'deroga minn din ir-regola l-produtturi jistgħu jużaw valur medju għal impjant ta' produzzjoni tal-elettriku individwali għall-elettriku prodott minn dak l-impjant.

Emenda 116

Proposta għal direttiva Anness V – parti C – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni

15. L-iffrankar ta' emissjonijiet mill-qbid u s-sostituzzjoni tal-karbonju, ***eccr, għandu jkun relatat direttament mal-produzzjoni*** tal-bijokarburant jew il-bijolikwidu ***li huma attribwiti lejha, u għandu jkun limitat għall-emissjonijiet evitati permezz tal-qbid ta' CO₂ li fihom il-karbonju joriġina minn bijomassa u li hija użata fis-settur tal-enerġija jew it-***

Emenda

15. L-iffrankar ta' emissjonijiet mill-qbid u s-sostituzzjoni ***jew l-użu*** tal-karbonju, ***eccru, ta' CO₂ iġġenerat permezz tal-produzzjoni*** tal-bijokarburant jew il-bijolikwidu għandu jkun limitat għall-emissjonijiet evitati permezz tal-qbid ta' CO₂ użat ***għal skopijiet*** kummerċjali.

trasport biex tissostitwixxi CO2 derivat mill-fossili użat fi prodotti servizzi u kummerċjali.

Ġustifikazzjoni

Il-bidliet li l-Kummissjoni pproponiet għall-metodoloġija li tikkalkola l-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra jfixklu, minflok ma jippromwovu, il-qbid, is-sostituzzjoni u l-użu tal-karbonju. Din l-emenda teknoloġikament newtrali tinċentiva l-qbid tal-karbonju u s-sostituzzjoni, irrispettivament mill-użu aħħari.

Emenda 117

Proposta għal direttiva Anness V – parti C – punt 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-fini tal-kalkolu msemmi fil-punt 17, l-emissjonijiet li jridu jiġu diviżi għandhom ikunu eec + el + esca + dawk il-frazzjonijiet ta' ep, etd, eccs u **eccr** li jsiru sa u inkluż l-istadju tal-proċess li fih huwa prodott il-prodott sekondarju. Jekk tkun saret xi allokazżjoni għal prodotti sekondarji fi stadju ta' proċess preċedenti fiċ-ċiklu tal-ħajja, il-frazzjoni ta' dawk l-emissjonijiet assenjata f'dak l-aħħar stadju tal-proċess lill-prodott ta' karburant intermedju, għandha tintuża għal dan l-għan minflok mit-total ta' dawk l-emissjonijiet.

Emenda

Għall-fini tal-kalkolu msemmi fil-punt 17, l-emissjonijiet li jridu jiġu diviżi għandhom ikunu eec + el + esca + dawk il-frazzjonijiet ta' ep, etd, eccs u **eccru** li jsiru sa u inkluż l-istadju tal-proċess li fih huwa prodott il-prodott sekondarju. Jekk tkun saret xi allokazżjoni għal prodotti sekondarji fi stadju ta' proċess preċedenti fiċ-ċiklu tal-ħajja, il-frazzjoni ta' dawk l-emissjonijiet assenjata f'dak l-aħħar stadju tal-proċess lill-prodott ta' karburant intermedju, għandha tintuża għal dan l-għan minflok mit-total ta' dawk l-emissjonijiet.

Emenda 118

Proposta għal direttiva Anness Va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ANNEX Va

Il-kriterji tal-produzzjoni għall-enerġija fossili

(1) Għal kull kWh ta' enerġija fossili li jitqiegħed fis-suq Ewropew irid jiġi ppruvat il-provvediment ta' kwantità

ekwivalenti (1 kWh) ta' enerġija rinnovabbli. Dan jista' jsir permezz ta' ċertifikati għal investimenti xierqa f'impjanti għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli jew billi jitħallsu depożiti f'fond stabbilit u maħsub għall-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli;

(2) Rapport annwali tal-industrija tal-faħam, gass naturali u żejt lill-Kummissjoni dwar il-produzzjoni fossili reali u l-emissjonijiet GHG riżultanti. B'riżultat ta' dan, dawn il-valuri rrappurtati jridu jintużaw bħala komparatur tal-karburanti fossili għat-tfaddil ta' gassijiet b'effett ta' serra għall-bijokarburanti, ikklassifikati skont ir-reġjun ta' oriġini tagħhom u l-ammont tagħhom użat fl-Istati Membri partikolari;

(3) Rapport annwali tal-industrija tal-faħam, gass naturali u żejt minerali lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet ta' żejt u gass mitlufa minħabba tnixxija, kalkolu tal-emissjonijiet tagħhom u żieda ta' dawn mal-valur tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (komparatur tal-karburanti fossili);

(4) Rapport annwali tal-industrija tal-faħam, gass naturali u żejt minerali lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet ta' żejt u gass mitlufa minħabba aċċidenti jew diżastri, il-kalkolu tal-emissjonijiet tagħhom u ż-żieda ta' dawn mal-valur tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (komparatur tal-karburanti fossili);

(5) Rapport annwali tal-industrija tal-faħam, gass naturali u żejt minerali lill-Kummissjoni dwar il-konformità fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, pagi minimi u s-saħħa fiżika tal-ħaddiema fil-faċilità tal-produzzjoni u r-reġjun, kif ukoll dwar il-miżuri ta' sigurtà meħuda biex jipproteġu s-saħħa u l-ħajja tal-popolazzjoni fir-reġjun;

(6) Pubblikazzjoni annwali tar-rapporti li tkun irċeviet il-Kummissjoni;

(7) Rekwiżiti speċjali għall-isfruttar

b'riskju kbir ta' karburanti fossili (eż. ilma fond, ramel bituminuż) rigward il-possibilità ta' tniġġis tal-baħar / xatt / art, kif ukoll l-obbligu ta' rikultivazzjoni sħiħa taż-żona milquta mill-produzzjoni tar-ramel bituminuż jew mill-estrazzjoni tal-faħam u t-tindif tal-ilma użat; inkella notevolment ħlas ta' penali;

(8) Rapport annwali tal-industrija tal-faħam, gass naturali u żejt lill-Kummissjoni dwar riżorsi eżistenti ekonomiċi vijabbli, depożiti misjuba ġodda, portata ekonomika u stokkijiet garantiti għall-ġenerazzjonijiet futuri;

(9) Evidenza għall-użu tal-aħjar metodu ekoloġiku disponibbli għall-produzzjoni u t-teknoloġija tal-provvista għall-estrazzjoni tal-faħam, tal-gass naturali u taż-żejt;

(10) Tfaddil annwali obligatorju ta' GHG fl-esplorazzjoni, il-produzzjoni, it-trasport u r-raffinar taż-żejt ta' mill-inqas 2.5 %;

(11) Żieda tas-sehem ta' żejt mhux raffinat minn proċessi ta' riċiklaġġ fil-portafoll tal-kumpaniji taż-żejt (pereżempju mill-prodotti / skart tal-plastik) b'mill-inqas 5 % kull sena;

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u jkunu ggarantiti l-kontroll u t-trasparenza, l-informazzjoni dwar il-kriterji tal-produzzjoni għat-tqegħid ta' karburanti fossili u sorsi ta' enerġija fossili fuq is-suq tal-Unjoni Ewropea huma meħtieġa.

Emenda 119

Proposta għal direttiva

Anness VI – parti B – punt 1 – punt a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*E = eec + el + ep + etd + eu - esca– eccs -
eccr,*

*E = eec + el + ep + etd + eu - esca– eccs -
eccru,*

Emenda 120

Proposta għal direttiva

Anness VI – parti B – punt 1 – punt a – paragrafu 2 – subparagrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

eccr = l-iffrankar tal-emissjonijiet mill-qbid u mis-sostituzzjoni tal-karbonju.

Emenda

eccru = l-iffrankar tal-emissjonijiet mill-qbid u mis-sostituzzjoni ***jew l-użu*** tal-karbonju;

Emenda 121

Proposta għal direttiva

Anness VI – parti B – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-punt 3, l-iffrankar mill-emissjonijiet permezz ta' ġestjoni agrikola mtejba, bħall-bidla lejn tnaqqis jew zero ħdim tar-raba', rotazzjoni tal-għelejjel imtejba, l-użu ta' għelejjel ta' kopertura, l-inklużjoni ta' ġestjoni tar-residwi tal-għelejjel, u l-użu ta' sustanzi li jtejbu l-ħamrija organika (eż. kompost, diġestat tal-fermentazzjoni tad-demel), għandu jitqies biss jekk tiġi fornuta evidenza solida u verifikabbli li l-karbonju tal-ħamrija żdied jew li huwa raġjonevoli li wieħed jistenna li dan jiżdied tul il-perjodu li matulu ġiet ikkultivata l-materja prima inkwistjoni filwaqt li jitqiesu l-emissjonijiet fejn it-tali Prattiki jwasslu għal użu akbar ta' fertilizzanti u erbiċidi.

Emenda

6. Għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-punt 3, l-iffrankar mill-emissjonijiet permezz ta' ġestjoni agrikola mtejba, bħall-bidla lejn tnaqqis jew zero ħdim tar-raba', rotazzjoni tal-għelejjel imtejba, l-użu ta' għelejjel ta' kopertura, l-inklużjoni ta' ġestjoni tar-residwi tal-għelejjel, u l-użu ta' sustanzi li jtejbu l-ħamrija organika (eż. kompost, diġestat tal-fermentazzjoni tad-demel), għandu jitqies biss jekk tiġi fornuta evidenza solida u verifikabbli li l-karbonju tal-ħamrija żdied jew li huwa raġjonevoli li wieħed jistenna li dan jiżdied tul il-perjodu li matulu ġiet ikkultivata l-materja prima inkwistjoni filwaqt li jitqiesu l-emissjonijiet fejn it-tali Prattiki jwasslu għal użu akbar ta' fertilizzanti u erbiċidi ***jew jgħinu biex jitnaqqas l-użu ta' fertilizzanti nitroġenużi prodotti mill-karburanti fossili.***

Ġustifikazzjoni

Il-benefiċċji kollha marbuta mal-fermentazzjoni jenħtieġ li jiġu kkunsidrati meta dawn jikkontribwixxu biex jinkisbu l-għanijiet tal-politiki Ewropej. Għalhekk, il-fermentazzjoni tagħmilha possibbli li jiġu mmanifatturati fertilizzanti organiċi biex jissostitwixxu fertilizzanti nitroġeniċi. Għalhekk din għandha post fi ħdan l-ekonomija ċirkolari bħala Prattika agrikola sostenibbli. Minħabba li l-fermentazzjoni tissemma f'uħud mill-emendi magħmula mill-Kummissjoni, għandu jkun possibbli li tiġi modifikata din il-parti tal-anness.

Emenda 122

Proposta għal direttiva

Anness VI – parti B – punt 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fil-kalkolu tal-konsum ta' elettriku mhux prodott fl-impjant ta' produzzjoni tal-karburant tal-bijomassa solida, l-intensità tal-emissjoni tal-gass b'effett serra tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni ta' dak l-elettriku għandha tkun meqjusa li hija ugwali għall-intensità medja tal-emissjonijiet tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku f'reġjun definit. B'deroga minn din ir-regola l-produtturi jistgħu jużaw valur medju għal impjant ta' produzzjoni tal-elettriku individwali għall-elettriku prodott minn dak l-impjant, ***jekk dak l-impjant mhux konness mal-grilja tal-elettriku.***

Emenda 123

Proposta għal direttiva

Anness VI – parti B – punt 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Fil-kalkolu tal-konsum ta' elettriku mhux prodott fl-impjant ta' produzzjoni tal-karburant solidu tal-bijomassa, l-intensità tal-emissjoni tal-gass b'effett serra tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni ta' dak l-elettriku għandha tkun meqjusa li hija ugwali għall-karburant fossili komparatur ECF(el) iffissat fil-paragrafu 19 ta' dan l-Anness. B'deroga minn din ir-regola l-produtturi jistgħu jużaw valur medju għal impjant ta' produzzjoni tal-elettriku individwali għall-elettriku prodott minn dak l-impjant, ***jekk dak l-impjant mhux konness mal-grilja tal-elettriku.***⁵¹

⁵¹ Il-mogħdijiet tal-bijomassa solida jikkunsmaw u jipproduċu l-istess prodotti

Emenda

Fil-kalkolu tal-konsum ta' elettriku mhux prodott fl-impjant ta' produzzjoni tal-karburant tal-bijomassa solida, l-intensità tal-emissjoni tal-gass b'effett serra tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni ta' dak l-elettriku għandha tkun meqjusa li hija ugwali għall-intensità medja tal-emissjonijiet tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku f'reġjun definit. B'deroga minn din ir-regola l-produtturi jistgħu jużaw valur medju għal impjant ta' produzzjoni tal-elettriku individwali għall-elettriku prodott minn dak l-impjant.

Emenda

Fil-kalkolu tal-konsum ta' elettriku mhux prodott fl-impjant ta' produzzjoni tal-karburant solidu tal-bijomassa, l-intensità tal-emissjoni tal-gass b'effett serra tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni ta' dak l-elettriku għandha tkun meqjusa li hija ugwali għall-karburant fossili komparatur ECF(el) iffissat fil-paragrafu 19 ta' dan l-Anness. B'deroga minn din ir-regola l-produtturi jistgħu jużaw valur medju għal impjant ta' produzzjoni tal-elettriku individwali għall-elettriku prodott minn dak l-impjant.⁵¹

⁵¹ Il-mogħdijiet tal-bijomassa solida jikkunsmaw u jipproduċu l-istess prodotti

fi stadji differenti tal-katina tal-provvista. Bl-użu ta' valuri differenti għall-provvista tal-elettriku għall-impjanti tal-produzzjoni tal-bijomassa solida u l-karburant fossili komparatur jiġi allokat iffrankar artifiċjali tal-gassijiet b'effett ta' serra lil dawn il-mogħdijiet.

fi stadji differenti tal-katina tal-provvista. Bl-użu ta' valuri differenti għall-provvista tal-elettriku għall-impjanti tal-produzzjoni tal-bijomassa solida u l-karburant fossili komparatur jiġi allokat iffrankar artifiċjali tal-gassijiet b'effett ta' serra lil dawn il-mogħdijiet.

Emenda 124

Proposta għal direttiva Anness VI – parti B – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni

15. L-iffrankar ta' emissjonijiet **mill-qbid u s-sostituzzjoni tal-karbonju, eccr, għandu jkun relatat direttament mal-produzzjoni tal-karburant mill-bijomassa** li huma attribwiti lejha, **u** għandu jkun limitat għall-emissjonijiet evitati permezz tal-qbid ta' CO₂ li fihom il-karbonju joriġina minn bijomassa u li hija użata **biex tissostitwixxi CO₂ derivat mill-fossili fis-settur tal-enerġija jew it-trasport.**

Emenda

15. L-iffrankar ta' emissjonijiet **ta' CO₂ iġġenerati waqt il-produzzjoni tal-bijokarburant jew bijolikwidu** li huma attribwiti lejha **permezz tal-qbid, is-sostituzzjoni jew l-użu tal-karbonju, eccru,** għandu jkun limitat għall-emissjonijiet evitati permezz tal-qbid ta' CO₂ li fihom il-karbonju joriġina minn bijomassa u li hija użata **għal skopijiet kummerċjali.**

Ġustifikazzjoni

L-użi possibbli għas-CO₂ maqbud waqt il-produzzjoni tal-bijokarburanti jenħtieġ li jibqgħu mhux ristretti biex il-parteċipanti fis-suq jiġu mħeġġa jinstallaw teknoloġiji tal-qbid tas-CO₂.

Emenda 125

Proposta għal direttiva Anness IX – parti A – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) **Frazzjoni ta' bijomassa ta' skart muniċipali mħallat, iżda mhux skart domestiku soġġett għal miri ta' riċiklaġġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/98/KE.**

Emenda

imħassar

Ġustifikazzjoni

L-iskart imħallat ma jistax jagħmel parti mill-kategorija avanzata. Il-komponent organiku

irid jiġi separat.

Emenda 126

Proposta għal direttiva Anness IX – parti A – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(ga) residwi mill-estrazzjoni taż-żejt taż-
żebbuġa dment li l-istandards tal-
industrija għall-ipproċessar tal-materja
prima ikunu ġew osservati;**

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda ta' materja prima tal-karburanti avvanzati li tintroduċi residwi agrikoli ġodda jenħtieġ li tippermetti lill-agrikoltura Ewropea jkollha rwol akbar fid-dekarbonizzazzjoni tat-trasport fl-Unjoni.

Emenda 127

Proposta għal direttiva Anness IX – parti B – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) Molassi li huma prodotti bħala **prodotti** sekondarju mir-raffinar tal-kannamiela jew il-pitravi taz-zokkor sakemm jiġu rrispettati l-aqwa standards tal-industrija għall-estrazzjoni taz-zokkor.

(c) Molassi li huma prodotti bħala **koprodott** mir-raffinar tal-kannamiela jew il-pitravi taz-zokkor sakemm jiġu rrispettati l-aqwa standards tal-industrija għall-estrazzjoni taz-zokkor.

Ġustifikazzjoni

It-terminu "prodott sekondarju" mhuwiex definit fil-metodoloġija. Għalhekk, jenħtieġ li jintuża t-terminu tekniku korrett ta' "koprodott".

Emenda 128

Proposta għal direttiva Anness X – parti B

Test propost mill-Kummissjoni

Parti B: L-ishma minimi tal-enerġija mill-bijogass u bijokarburanti avvanzati prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX, il-karburanti tat-trasport rinnovabbli ta' oriġini mhux

bijoloġika, *il-karburanti fossili abbażi tal-iskart* u l-elettriku rinnovabbli, kif imsemmi fl-Artikolu 25(1)

Sena kalendarja	Sehem minimu
2021	1.5 %
2022	1,85 %
2023	2.2 %
2024	2,55 %
2025	2.9 %
2026	3.6 %
2027	4.4 %
2028	5.2 %
2029	6.0 %
2030	6.8 %

Emenda

Parti B: L-ishma minimi tal-enerġija mill-bijogass u bijokarburanti avanzati prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX, il-karburanti tat-trasport rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-elettriku rinnovabbli, kif imsemmi fl-Artikolu 25(1)

Sena kalendarja	Sehem minimu
2021	3,0 %
2022	3,35 %
2023	3,70 %
2024	4,05 %
2025	4,40 %
2026	5,10 %
2027	5,90 %
2028	6,70 %
2029	7,50 %
2030	8,30 %

Ġustifikazzjoni

L-UE teħtieġ miri aktar ambizzjużi għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli avanzati.

Emenda 129

Proposta għal direttiva Anness X – parti C

Test propost mill-Kummissjoni

Parti C: Ishma minimi ta' enerġija mill-bijogass u l-bijokarburanti avvanzati prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX kif imsemmi fl-Artikolu 25(1)

Sena kalendarja	Sehem minimu
2021	0.5 %
2022	0.7%
2023	0.9 %
2024	1.1 %
2025	1.3 %
2026	1,75 %
2027	2.2 %
2028	2,65 %
2029	3.1 %
2030	3.6 %

Emenda

Parti C: Ishma minimi ta' enerġija mill-bijogass u l-bijokarburanti avvanzati prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX kif imsemmi fl-Artikolu 25(1)

Sena kalendarja	Sehem minimu
2021	0.5 %
2022	0.7%
2023	0.9 %
2024	1.1 %
2025	2.3 %
2026	2,75 %
2027	3.2 %
2028	3,65 %
2029	4.1 %
2030	4.6 %

Ġustifikazzjoni

L-UE teħtieġ miri aktar ambizzjużi għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli avvanzati.

Ġustifikazzjoni

L-UE teħtieġ miri aktar ambizzjużi għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli avvanzati.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (tfassil mill- ġdid)
Referenzi	COM(2016)0767 – C8-0500/2016 – 2016/0382(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 1.3.2017
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 1.3.2017
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Marijana Petir 15.2.2017
Data tal-adozzjoni	2.10.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 –: 17 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Richard Ashworth, José Bové, Daniel Buda, Nicola Caputo, Matt Carthy, Viorica Dăncilă, Michel Dantin, Paolo De Castro, Jean-Paul Denanot, Albert Deß, Diane Dodds, Jørn Dohrmann, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Edouard Ferrand, Luke Ming Flanagan, Beata Gosiewska, Martin Häusling, Anja Hazekamp, Esther Herranz García, Jan Huitema, Peter Jahr, Ivan Jakovčić, Jarosław Kalinowski, Zbigniew Kuźmiuk, Philippe Loiseau, Nuno Melo, Giulia Moi, Ulrike Müller, James Nicholson, Maria Noichl, Marijana Petir, Bronis Ropé, Maria Lidia Senra Rodríguez, Ricardo Serrão Santos, Czesław Adam Siekierski, Tibor Szanyi, Marc Tarabella, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Franc Bogovič, Angélique Delahaye, Norbert Lins, Hannu Takkula, Tom Vandenkendelaere

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

26	+
PPE	Franc Bogovič, Daniel Buda, Michel Dantin, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Esther Herranz García, Peter Jahr, Norbert Lins, Nuno Melo, Marijana Petir, Czesław Adam Siekierski
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Paolo De Castro, Viorica Dăncilă
ECR	Richard Ashworth, Jørn Dohrmann, Zbigniew Kuźmiuk, James Nicholson
ALDE	Jan Huitema, Ivan Jakovčić, Ulrike Müller, Hannu Takkula
ENF	Edouard Ferrand, Philippe Loiseau
NI	Diane Dodds

17	-
S&D	Eric Andrieu, Nicola Caputo, Jean-Paul Denanot, Maria Noichl, Ricardo Serrão Santos, Tibor Szanyi, Marc Tarabella
GUE/NGL	Matt Carthy, Luke Ming Flanagan, Anja Hazekamp, Maria Lidia Senra Rodríguez
Verts/ALE	José Bové, Martin Häusling, Bronis Ropé
EFDD	John Stuart Agnew, Giulia Moi, Marco Zullo

1	0
ECR	Beata Gosiewska

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni